Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2023/0226(COD)

19.11.2023 **EMENDI**
24 - 233

Abbozz ta' rapport
Jessica Polfjärd
(PE754.658v01-00)

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom, u emenda tar-Regolament (UE) 2017/625

Proposta għal regolament
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Emenda 24
Günther Sidl

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The current EU GMO regulations and directives have served a good purpose (environmental safety) and have been successful in doing so for the past twenty years. There are no good reasons for weakening this system, let alone abolishing it for the majority of new GM plants, in particular as these have no history of safe use. Indeed, our advancing knowledge of molecular genetics informs us that the genome of an organism functions as a delicately balanced, integrated network (Gupta et al., 2022; Schaefer et al., 2017), with complex traits being omnigenic in nature having the function of the entire genome at their basis (Boyle et al., 2017; Mathieson, 2021). That genes function as networks, implies that any modification at this level can have major consequences with respect to patterns of gene expression and an organism's biochemistry. Thus, the latest science actually suggests that the law governing genetic modification including NGT should be re-appraised and strengthened rather than weakened.

Emenda 25
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

- The deregulation of the new Category 1 NGT plants amounts to an a priori declaration of safety, which constitutes a serious risk blindness. This declaration is a false claim and a blatant neglect of the precautionary principle. - The criteria for defining Category I NGT plants as equivalent to conventional plants bear no relationship to the safety of the plants and

their products for human health and the environment. - There is as yet little experience regarding the safety of new genomic techniques in food and in agricultural cultivation. Still, even highly modified plants with, for example, altered metabolism and composition will escape regulatory oversight under this proposal. This comes with the risk of plants entering the market containing novel toxins and allergens and reduced nutrient levels. The proposal makes no effort to assess or manage any risks from Category I NGT plants. - The proposal prevents scientists from identifying risks and following up with research, because it abolishes traceability and registration of molecular data of Category I plants. - Already, many problems have been documented for NGTs. For example, CRISPR applications have turned out to cause toxicity, mosaicism (genetic variation within the individual organism) and other unintended genomic abnormalities. - No sufficient allowance has been made for the detection and avoidance of inevitable unintentional genetic modifications of the target plants, especially those that arise due to the genetic modification processes used, and that have also been well documented. -Risk assessment based on the precautionary principle is case-by-case, since different effects might be observed in different NGT applications and/or species and/or in different receiving environments. The proposal abolishes all risk assessment for Category 1 NGT plants.

Emenda 26
Ivan Vilibor Sinčić

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 27
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. pt

Emenda 28
Marie Toussaint, Tilly Metz, Lydie Massard, Manuela Ripa, Thomas Waitz, Benoît Biteau, Pär Holmgren, Rosa D'Amato

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

By exempting category 1 NGTs, which will be make up the vast majority of NGTs, from GMO risk assessment, monitoring, traceability and consumer labelling, the Commission proposal fails to respect consumer rights as well as the precautionary principle, as laid down in the TFEU. Furthermore, there is no scientific basis underlying the criteria in Annex I which 'determines' if a NGT fulfils the criteria of 'equivalence' to conventional plants. The criteria have no bearing on safety, therefore there is no guarantee that GM plants meeting the criteria have a lower level of risk to human health and the environment.

The Commission proposal completely ignores the specific issues linked to the diffusion of patented material without proper traceability, or the potential issues linked to coexistence with non-GMO production. The exclusion of NGT products from existing GMO rules is also not supported by the alleged benefits of NGTs. In any case, to claim that one particular plant is sustainable due to its intended trait is not possible. Genuine sustainability can only be concluded after an assessment of the agricultural system in which plants are grown, as well as their complex relationships with the environment and under the economic and social conditions in which they are used.

Emenda 29
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Kunsiderazzjoni -1 (ġdida)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	– Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 30
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Kunsiderazzjoni 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Artikolu 43(2) u l-Artikoli 114 u 168(4)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0238/2023),	– wara li kkunsidra l-Artikolu 43(2) u l-Artikoli 114***, 191*** u 168(4)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0238/2023),

Or. en

Emenda 31
Pietro Fiocchi, Veronika Vrecionová, Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ***ġenomiċi ġodda*** u l-ikel u l-għalf tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ***tgħammir ta' preċiżjoni*** u l-ikel u l-għalf tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-bidla se jkollha tiġi riflessa fit-test kollu, inklużi bidliet fl-abbrevjazzjonijiet mill-NGT għall-PBT (jew simili).

Emenda 32
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament

Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ***ġenomiċi*** ġodda u ***l-ikel u l-għalf tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625*** (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ***ta' manipulazzjoni ġenomika aktar*** ġodda u ***prodotti derivati minn dawn il-pjanti*** (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Or. en

Emenda 33
Stanislav Polčák

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43, 114 ***u*** 168(4)(b) tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43, 114**,** 168(4)(b) ***u 191(2)*** tiegħu,

Or. cs

Emenda 34
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43, 114 u 168(4)(b) tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43, 114***, 191*** u 168(4)(b) tiegħu,

Or. en

Emenda 35
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa -1 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) Il-bijoteknoloġija hija waħda mill-aktar teknoloġiji importanti għall-futur u jenħtieġ li tkun appoġġata minn qafas ta' politika xieraq, bl-aspetti etiċi, ambjentali u tas-saħħa jitqiesu wkoll. Madankollu, jenħtieġ li l-ħajja ma tkun bl-ebda mod soġġetta għal privattiva, jew fil-forma ta' tekniċi riproduttivi jew bil-privatizzazzjoni tas-sekwenzi ġenomiċi, peress li l-għarfien huwa ta' benefiċċju għal kulħadd.

Or. pt

Emenda 36
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa -1 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) Organiżmi ħajjin, kemm jekk jintefgħu fl-ambjent fi kwantitajiet żgħar jew kbar għal skopijiet sperimentali jew bħala prodotti kummerċjali, jistgħu jirriproduċu fl-ambjent u jaqsmu fruntieri nazzjonali u b'hekk jaffettwaw Stati Membri oħra. L-effetti ta' dan ir-rilaxx fl-ambjent jistgħu jkunu rriversibbli.

Or. en

Emenda 37
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa -1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1a) Il-mistoqsijiet etiċi relatati mal-użu u l-prattika tax-xjenza fil-qasam tal-inġinerija ġenetika huma kwistjoni fundamentali. L-ewwel nett, il-konsegwenzi fuq terminu qasir, medju u twil tal-użu ta' tali teknoloġiji jridu jiġu eżaminati. Se jkun bla dubju importanti li jinkiseb aktar għarfien dwar l-impatt fuq l-ambjent, il-klima, il-biedja, il-bijodiversità u s-sigurtà alimentari. Se jkun importanti wkoll li jinbnew pontijiet bejn ix-xjenza u l-avvanzi li tipproduċi u l-iżvilupp ta' agrikoltura u produzzjoni b'mod ġenerali billi jiġi evitat li jiġi ssagrifikat il-futur u jiġi żgurat li tali għażliet isegwu l-prinċipju ta' prekawzjoni.

Or. pt

Emenda 38
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa -1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1a) Il-protezzjoni tas-saħħa u l-ambjent tirrikjedi li tingħata attenzjoni xierqa lil kontrolli ta' riskji minn rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (OĠMs). Skont it-Trattat, l-azzjoni mill-Unjoni Ewropea li tirrigwarda l-ambjent jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-prinċipju li jenħtieġ li tittieħed azzjoni preventiva.

Or. en

Emenda 39
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa -1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1b) Il-prinċipju ta' prekawzjoni huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jobbliga lill-awtoritajiet inkwistjoni, fil-kuntest partikolari tal-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilhom mir-regoli rilevanti, jieħdu miżuri xierqa sabiex jipprevjenu riskji potenzjali speċifiċi għas-saħħa pubblika, għas-sikurezza u għall-ambjent, billi jagħtu preċedenza lir-rekwiżiti marbuta mal-protezzjoni ta' dawn l-interessi fuq l-interessi ekonomiċi.

Or. en

Emenda 40
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa -1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1b) Ir-rispett tal-prinċipji etiċi rikonoxxuti fi Stat Membru huwa partikolarment importanti. L-Istati Membri jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni aspetti etiċi meta l-GMOs ikunu intenzjonatament rilaxxati jew imqiegħda fis-suq bħal jew fi prodotti.

Or. en

Emenda 41
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa -1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1c) Sistema tal-ikel sostenibbli hija fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. L-agroekoloġija tista' tipprovdi ikel san filwaqt li żżomm il-produttività, iżżid il-fertilità tal-ħamrija u l-bijodiversità, u tnaqqas l-impronta tal-produzzjoni tal-ikel. Il-biedja organika, b'mod partikolari, għandha potenzjal kbir kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-konsumaturi. Is-settur joħloq l-impjiegi u jattira bdiewa żgħażagħ. Il-biedja organika tipprovdi wkoll bejn 10 u 20 % aktar impjiegi għal kull ettaru milli tipprovdi l-biedja konvenzjonali, u toħloq valur miżjud għall-prodotti agrikoli. Biex isir l-aħjar użu minn dan il-potenzjal, skont l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u l-Istrateġija għall-Bijodiversità tal-Patt Ekoloġiku, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet mira ta' "sal-2030 mill-inqas 25 % tal-art agrikola tal-UE tkun qed tuża biedja organika u jkun hemm żieda sinifikanti fl-akkwakultura organika".

Or. en

Emenda 42
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Mill-2001, meta ġiet adottata d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (OĠM) 'l hawn il-progress sinifikanti fil-bijoteknoloġija wassal għall-iżvilupp ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGTs), l-aktar prominenti fosthom tekniki ta' editjar tal-ġenoma li jippermettu li jsiru bidliet fil-ġenoma f'postijiet preċiżi.	(1) Mill-2001, meta ġiet adottata d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (OĠM) 'l hawn il-progress sinifikanti fil-bijoteknoloġija wassal għall-iżvilupp ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGTs), l-aktar prominenti fosthom tekniki ta' editjar tal-ġenoma li jippermettu li jsiru bidliet fil-ġenoma f'postijiet

preċiżi. ***Il-progress importanti li sar fl-inġinerija ġenetika diġà kkontribwixxa f'sens wiesa' għas-selezzjoni assistita minn markaturi li jippermettu li jiġu identifikati u mobilizzati ġeni interessanti li huma preżenti fil-bijodiversità.***

[32] Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1).

[32] Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1).

Or. fr

Emenda 43
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Mill-2001, meta ġiet adottata d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([32]) dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (OĠM) 'l hawn il-progress sinifikanti fil-bijoteknoloġija wassal għall-iżvilupp ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGTs), l-aktar prominenti fosthom tekniki ta' editjar tal-ġenoma li jippermettu li jsiru bidliet fil-ġenoma f'postijiet ***preċiżi***.	(1) Mill-2001, meta ġiet adottata d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([32]) dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (OĠM) 'l hawn il-progress sinifikanti fil-bijoteknoloġija wassal għall-iżvilupp ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGTs), l-aktar prominenti fosthom tekniki ta' editjar tal-ġenoma li ***jgħinu biex*** jippermettu li jsiru bidliet fil-ġenoma f'postijiet ***speċifiċi b'eżiti madankollu li ma jistgħux jiġu mbassra bis-sħiħ, spiss b'effetti mhux intenzjonati fil-mira u mhux fil-mira. u li jista' jkun bejn wieħed u ieħor simili jew differenti minn pjanti miksuba permezz ta' tnissil konvenzjonali.***

[32] Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent

[32] Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent

ta’ organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1).	ta’ organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1).

Or. en

Emenda 44
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Mill-2001, meta ġiet adottata d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([32]) dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta’ organiżmi modifikati ġenetikament (OĠM) ’l hawn il-progress ***sinifikanti*** fil-bijoteknoloġija wassal għall-iżvilupp ta’ tekniki ***ġenomiċi*** ġodda (NGTs), l-aktar prominenti fosthom tekniki ta’ editjar tal-ġenoma li jippermettu li jsiru bidliet fil-ġenoma f’postijiet preċiżi.	(1) Mill-2001, meta ġiet adottata d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([32]) dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta’ organiżmi modifikati ġenetikament (OĠM) ’l hawn il-progress fil-bijoteknoloġija wassal għall-iżvilupp ta’ tekniki ***ta’ manipulazzjoni ġenomika aktar*** ġodda (NGTs), l-aktar prominenti fosthom tekniki ta’ editjar tal-ġenoma li jippermettu li jsiru bidliet fil-ġenoma f’postijiet preċiżi. ***Madankollu, anke dawn it-tekniki aktar ġodda jistgħu jwasslu għal eżiti mhux mistennija li ma jistgħux jitbassru bis-sħiħ u li jistgħu jkunu ekwivalenti jew differenti meta mqabbla ma’ pjanti miksuba permezz ta’ tnissil konvenzjonali.***
[32] Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta’ organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1).	[32] Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta’ organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1).

Or. en

Emenda 45
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Mill-2001, meta ġiet adottata d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([32]) dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (OĠM) 'l hawn il-progress sinifikanti fil-bijoteknoloġija wassal għall-iżvilupp ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGTs), l-aktar prominenti fosthom tekniki ta' editjar tal-ġenoma li jippermettu li jsiru bidliet fil-ġenoma f'postijiet preċiżi.	(1) Mill-2001, meta ġiet adottata d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([32]) dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (OĠM) 'l hawn il-progress sinifikanti fil-bijoteknoloġija wassal għall-iżvilupp ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGTs), l-aktar prominenti fosthom tekniki ta' editjar tal-ġenoma li jippermettu li jsiru bidliet fil-ġenoma f'postijiet preċiżi**,** ***madankollu r-riżultati ma jistgħux jitbassru kompletament u jistgħu jkunu ekwivalenti għal pjanti miksuba bi tnissil konvenzjonali jew differenti minnhom***.
[32] Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1).	[32] Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1).

Or. pt

Emenda 46
Michal Wiezik, María Soraya Rodríguez Ramos, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Mill-2001, meta ġiet adottata d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([32]) dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (OĠM) 'l hawn il-progress sinifikanti fil-bijoteknoloġija wassal għall-iżvilupp ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGTs), l-aktar prominenti fosthom	(1) Mill-2001, meta ġiet adottata d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([32]) dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (OĠM) 'l hawn il-progress sinifikanti fil-bijoteknoloġija wassal għall-iżvilupp ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGTs), l-aktar prominenti fosthom

tekniki ta’ editjar tal-ġenoma li jippermettu li jsiru bidliet fil-ġenoma f’postijiet preċiżi.	tekniki ta’ editjar tal-ġenoma li jippermettu li jsiru bidliet fil-ġenoma f’postijiet preċiżi ***filwaqt li l-evidenza sperimentali tikkonferma l-okkorrenza ta’ mutazzjonijiet mhux fil-mira***.
[32] Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta’ organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1).	[32] Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta’ organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1).

Or. en

Emenda 47
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-kummerċ tal-varjetajiet ta’ organiżmi ġenetikament modifikati ma jistax jibbaża direttament jew indirettament biss fuq kumpaniji multinazzjonali privati, li jibbenefikaw l-aktar mill-użu tal-massa tal-varjetajiet bi privattiva, sitwazzjoni li tħalli lill-bdiewa aktar dipendenti fuq il-produtturi taż-żrieragħ u, għalhekk, tnaqqas is-sovranità tal-ikel u tal-produzzjoni tal-Istati Membri.

Or. pt

Emenda 48
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Peress li l-għarfien dwar il-proprjetajiet ta' kull ġene ma huwiex komplut u l-għadd ta' varjabbli huwa konsiderevoli, l-impatt tal-użu ta' tali tekniċi ġenetiċi u l-introduzzjoni fuq skala kbira sussegwenti tagħhom għadu ma huwiex mifhum bis-shiħ. Għelejjel naturali jew organiċi, jiġifieri għelejjel li ma ġewx modifikati ġenetikament mill-bnedmin, li jeżistu flimkien ma' għelejjel ġenetikament modifikati, joħolqu l-kwistjoni tat-trażmissjoni tal-ġeni, peress li d-dakkir huwa ta' spiss anemofilu, permezz tar-riħ.

Or. pt

Emenda 49
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) L-użu ta' organiżmi ġenetikament modifikati wassal għal użu eċċessiv ta' pestiċidi u fertilizzanti persistenti, li jista' jwassal għal nuqqas ta' fertilità tal-ħamrija, aridità u kapaċità ta' żamma tal-ilma baxxa. Għalhekk, id-difiża tal-integrità ġenetika tal-għelejjel naturali hija fundamentali, peress li l-impatt tal-agrikoltura fuq skala kbira fuq il-proprjetajiet tal-ħamrija jaffettwa l-idrosfera, il-bijosfera, l-atmosfera u l-klima u, maż-żmien, jikkontribwixxi għad-deżertifikazzjoni, li toħloq theddida għas-sigurtà alimentari fit-tul. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi segwit il-prinċipju ta' prekawzjoni, segwit bl-introduzzjoni ta' varjetajiet tal-NGT ġodda.

Or. pt

Emenda 50
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa 1d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1d) L-impatt li l-konsum ta' OĠM u NGTs jista' jkollu fuq l-għalf tal-annimali u l-ikel tal-bniedem ma tqiesx biżżejjed, b'mod partikolari fuq terminu twil. Ma jeżisti l-ebda studju fl-Unjoni Ewropea li jevalwa b'ċertezza l-impatt veru tal-introduzzjoni ta' tali varjetajiet ta' pjanti fuq il-biedja u l-ikel.

Or. pt

Emenda 51
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-NGTs jikkostitwixxu grupp varjat ta' tekniki ġenomiċi, u kull waħda minnhom tista' tintuża b'diversi modi biex jinkisbu riżultati u prodotti differenti. Dawn jistgħu jirriżultaw f'organiżmi b'modifikazzjonijiet ekwivalenti għal dak li jista' jinkiseb permezz ta' metodi ta' tnissil konvenzjonali jew f'organiżmi b'modifikazzjonijiet aktar kumplessi. Fost l-NGTs, il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) jintroduċu modifikazzjonijiet ġenetiċi mingħajr ma jiddaħħal materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi). ***Dawn jiddependu biss fuq il-ġabra tal-ġeni tan-nissiela, jiġifieri l-informazzjoni ġenetika totali li hija disponibbli għat-tnissil konvenzjonali inkluż minn speċijiet***	(2) L-NGTs jikkostitwixxu grupp varjat ta' tekniki ġenomiċi, u kull waħda minnhom tista' tintuża b'diversi modi biex jinkisbu riżultati u prodotti differenti. Dawn jistgħu jirriżultaw f'organiżmi b'modifikazzjonijiet ekwivalenti għal dak li jista' jinkiseb permezz ta' metodi ta' tnissil konvenzjonali jew f'organiżmi b'modifikazzjonijiet aktar kumplessi. Fost l-NGTs, il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) jintroduċu modifikazzjonijiet ġenetiċi mingħajr ma jiddaħħal materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi). ***Madankollu, il-proċessi użati fiċ-ċisġenesi (u fl-intraġeneżi) huma l-istess bħal dawk użati biex titwettaq transġenesi (inserzjoni ta' sekwenzi ta' ġeni addizzjonali). Barra***

ta' pjanti relatati mill-bogħod li jistgħu jinkroċjaw b'tekniki ta' tnissil avvanzati. It-tekniki ta' mutaġenesi mmirata jirriżultaw f'modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f'postijiet preċiżi fil-ġenoma ta' organiżmu. ***It-tekniki*** taċ-ċisġenesi jirriżultaw fl-inserzjoni***,*** fil-ġenoma ta' organiżmu***,*** ta' ***materjal ġenetiku diġà preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela***. L-intraġeneżi hija subsett taċ-ċisġenesi li jirriżulta fl-inserzjoni fil-ġenoma ta' kopja riformulata ta' materjal ġenetiku magħmula minn żewġ sekwenzi tad-DNA jew aktar ***li diġà huma preżenti fil-ġabra*** tal-ġeni ***tan-nissiela***.

minn hekk, l-aggregazzjoni ta' ġeni użata minn nissiela konvenzjonali f'kundizzjonijiet prattiċi tista' tinkludi varjazzjonijiet li ma jinstabux f'aggregazzjoni ta' ġeni li jistgħu jiġu sfruttati permezz tat-trasferiment dirett (u potenzjalment riproduċibbli) ta' ġeni minn kull tip ta' sfond ġenetiku u għalhekk tista' tipproduċi pjanti li jistgħu jkunu diffiċli biex jitnisslu b'metodi ta' tnissil konvenzjonali. It-tekniki ta' mutaġenesi mmirata jirriżultaw f'modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f'postijiet ***"***preċiżi***"*** fil-ġenoma ta' organiżmu ***iżda joħolqu spazju għal alterazzjonijiet ġenetiċi każwali f'ġeni oħra, peress li t-tekniki*** taċ-ċisġenesi jirriżultaw fl-inserzjoni ***ta' materjal ġenetiku*** fil-ġenoma ta' organiżmu***. Għalhekk, ir-riżultati f'termini ta' alterazzjonijiet ġenetiċi intenzjonati u mhux intenzjonati u effetti bijoloġiċi ma jistgħux jitbassru***. L-intraġeneżi hija subsett taċ-ċisġenesi li jirriżulta fl-inserzjoni fil-ġenoma ta' kopja riformulata ta' materjal ġenetiku magħmula minn żewġ sekwenzi tad-DNA jew aktar***. Madankollu, il-proċessi użati fiċ-ċisġenesi (u fl-intraġeneżi) huma l-istess bħal dawk użati biex titwettaq transġenesi (inserzjoni ta' sekwenzi ta' ġeni addizzjonali minn speċi oħra). Barra minn hekk, l-aggregazzjoni ta' ġeni użata minn nissiela konvenzjonali meta jieħdu deċiżjonijiet prattiċi, tista' tinkludi restrizzjonijiet li ma jinstabux f'aggregazzjoni ta' ġeni li jistgħu jiġu sfruttati permezz tat-trasferiment dirett (u potenzjalment ripetut) ta' ġeni minn kull sfond ġenetiku u għalhekk jistgħu jipproduċu pjanti li se jkunu diffiċli biex jitnisslu b'metodi ta' tnissil konvenzjonali***.

Or. pt

Emenda 52
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-NGTs jikkostitwixxu grupp varjat ta' tekniki ġenomiċi, u kull waħda minnhom tista' tintuża b'diversi modi ***biex jinkisbu riżultati u prodotti differenti. Dawn jistgħu jirriżultaw f'organiżmi b'modifikazzjonijiet ekwivalenti għal dak li jista' jinkiseb permezz ta' metodi ta' tnissil konvenzjonali jew f'organiżmi b'modifikazzjonijiet aktar kumplessi***. Fost l-NGTs, ***il-mutaġenesi*** mmirata ***u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) jintroduċu modifikazzjonijiet ġenetiċi mingħajr ma jiddaħħal*** materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi)***. Dawn jiddependu biss fuq il-ġabra tal-ġeni tan-nissiela, jiġifieri l-informazzjoni*** ġenetika ***totali li hija disponibbli għat-tnissil konvenzjonali inkluż minn speċijiet ta' pjanti relatati mill-bogħod li jistgħu jinkroċjaw b'tekniki ta' tnissil avvanzati***. ***It-tekniki ta'*** mutaġenesi mmirata ***jirriżultaw f'modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f'postijiet preċiżi fil-ġenoma ta' organiżmu***. ***It-tekniki taċ-ċisġenesi jirriżultaw fl-inserzjoni, fil-ġenoma ta' organiżmu, ta' materjal ġenetiku diġà preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela. L-intraġeneżi hija subsett taċ-ċisġenesi li jirriżulta fl-inserzjoni fil-ġenoma ta' kopja riformulata ta' materjal ġenetiku magħmula minn żewġ sekwenzi tad-DNA jew aktar li diġà huma preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela.***	(2) L-NGTs jikkostitwixxu grupp varjat ta' tekniki ġenomiċi, u kull waħda minnhom tista' tintuża b'diversi modi. Fost l-NGTs, ***l-iżvilupp tal-pjanti tal-NGT b'mutaġenesi*** mmirata ***jista' jwassal għall-introduzzjoni ta'*** materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) ***permezz tal-użu ta' tekniki tal-inġinerija*** ġenetika ***tal-ewwel ġenerazzjoni, bħall-infezzjoni tal-Agrobacterium tumefaciens u l-bumbardament tal-partiċelli***. ***Filwaqt li l-iżviluppaturi jużaw ir-retroinkroċjar biex jeliminaw it-transġeni introdotti, dan mhux dejjem jirnexxi. Minbarra l-introduzzjoni ta' transġeni, l-eżiti f'termini ta' bidliet ġenetiċi intenzjonati u mhux intenzjonati u effetti bijoloġiċi ta'*** mutaġenesi mmirata ***ma jistgħux jitbassru bis-sħiħ***.

Or. en

Emenda 53
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-NGTs jikkostitwixxu grupp varjat ta' tekniki ġenomiċi, u kull waħda minnhom tista' tintuża b'diversi modi biex jinkisbu riżultati u prodotti differenti. Dawn jistgħu jirriżultaw f'organiżmi b'modifikazzjonijiet ekwivalenti għal dak li jista' jinkiseb permezz ta' metodi ta' tnissil konvenzjonali jew f'organiżmi b'modifikazzjonijiet aktar kumplessi. Fost l-NGTs, il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) ***jintroduċu modifikazzjonijiet*** ġenetiċi mingħajr ma jiddaħħal materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi). Dawn jiddependu biss fuq il-ġabra tal-ġeni tan-nissiela, jiġifieri l-informazzjoni ġenetika totali li hija disponibbli għat-tnissil konvenzjonali inkluż minn speċijiet ta' pjanti relatati mill-bogħod li jistgħu jinkroċjaw b'tekniki ta' tnissil avvanzati. It-tekniki ta' mutaġenesi mmirata jirriżultaw f'modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f'postijiet preċiżi fil-ġenoma ta' organiżmu. It-tekniki taċ-ċisġenesi jirriżultaw fl-inserzjoni, fil-ġenoma ta' organiżmu, ta' materjal ġenetiku ***diġà*** preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela. L-intraġeneżi hija subsett taċ-ċisġenesi li jirriżulta fl-inserzjoni fil-ġenoma ta' kopja riformulata ta' materjal ġenetiku magħmula minn żewġ sekwenzi tad-DNA jew aktar li diġà huma preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela.	(2) L-NGTs jikkostitwixxu grupp varjat ta' tekniki ġenomiċi, u kull waħda minnhom tista' tintuża b'diversi modi biex jinkisbu riżultati u prodotti differenti. Dawn jistgħu jirriżultaw f'organiżmi b'modifikazzjonijiet ekwivalenti għal dak li jista' jinkiseb permezz ta' metodi ta' tnissil konvenzjonali jew ***permezz ta' tekniki ta' modifikazzjoni ġenetika msemmija fl-Anness 1B tad-Direttiva 2011/18/KE iżda wkoll*** f'organiżmi b'modifikazzjonijiet aktar kumplessi. Fost l-NGTs, il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) ***iridu jagħtu ġeneru għall-modifikazzjonijiet*** ġenetiċi mingħajr ma jiddaħħal materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi). Dawn jiddependu biss fuq il-ġabra tal-ġeni tan-nissiela, jiġifieri l-informazzjoni ġenetika totali li hija disponibbli għat-tnissil konvenzjonali inkluż minn speċijiet ta' pjanti relatati mill-bogħod li jistgħu jinkroċjaw b'tekniki ta' tnissil avvanzati***, dment li dawn tal-aħħar ma jwasslux biex jiġi introdott materjal ġenetiku li jkun ġej minn speċijiet li ma jistgħux jitħalltu***. It-tekniki ta' mutaġenesi mmirata jirriżultaw f'modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f'postijiet preċiżi fil-ġenoma ta' organiżmu. It-tekniki taċ-ċisġenesi jirriżultaw fl-inserzjoni, fil-ġenoma ta' organiżmu, ta' materjal ġenetiku diġà preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela. L-intraġeneżi hija subsett taċ-ċisġenesi li jirriżulta fl-inserzjoni fil-ġenoma ta' kopja riformulata ta' materjal ġenetiku magħmula minn żewġ sekwenzi tad-DNA jew aktar li diġà huma preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela. ***Il-modifiki relatati ma' postijiet preċiżi jistgħu jikkawżaw it-tfixkil tal-ġeni endoġeni u jistgħu wkoll iwasslu għal modifiki ġenetiċi mhux intenzjonati fuq il-locus fil-mira jew band'oħra fil-ġenomu.***

Emenda 54
Michal Wiezik, María Soraya Rodríguez Ramos, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-NGTs jikkostitwixxu grupp varjat ta' tekniki ġenomiċi, u kull waħda minnhom tista' tintuża b'diversi modi biex jinkisbu riżultati u prodotti differenti. ***Dawn jistgħu jirriżultaw f'organiżmi b'modifikazzjonijiet ekwivalenti għal dak li jista' jinkiseb permezz ta' metodi ta' tnissil konvenzjonali jew f'organiżmi b'modifikazzjonijiet aktar kumplessi***. Fost l-NGTs, il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) jintroduċu modifikazzjonijiet ġenetiċi mingħajr ma jiddaħħal materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi). Dawn jiddependu biss fuq il-ġabra tal-ġeni tan-nissiela, jiġifieri l-informazzjoni ġenetika totali li hija disponibbli għat-tnissil konvenzjonali inkluż minn speċijiet ta' pjanti relatati mill-bogħod li jistgħu jinkroċjaw b'tekniki ta' tnissil avvanzati. It-tekniki ta' mutaġenesi mmirata jirriżultaw f'modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f'postijiet preċiżi fil-ġenoma ta' organiżmu. It-tekniki taċ-ċisġenesi jirriżultaw fl-inserzjoni, fil-ġenoma ta' organiżmu, ta' materjal ġenetiku ***diġà preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela***. L-intraġeneżi hija subsett taċ-ċisġenesi li jirriżulta fl-inserzjoni fil-ġenoma ta' kopja riformulata ta' materjal ġenetiku magħmula minn żewġ sekwenzi tad-DNA jew aktar ***li diġà huma preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela***.	(2) L-NGTs jikkostitwixxu grupp varjat ta' tekniki ġenomiċi, u kull waħda minnhom tista' tintuża b'diversi modi biex jinkisbu riżultati u prodotti differenti. Fost l-NGTs, il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) jintroduċu modifikazzjonijiet ġenetiċi mingħajr ma jiddaħħal materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi). Dawn jiddependu biss fuq il-ġabra tal-ġeni tan-nissiela, jiġifieri l-informazzjoni ġenetika totali li hija disponibbli għat-tnissil konvenzjonali inkluż minn speċijiet ta' pjanti relatati mill-bogħod li jistgħu jinkroċjaw b'tekniki ta' tnissil avvanzati. ***Fl-istess ħin, it-tekniki użati fiċ-ċisġenesi huma ugwali għal dawk tat-transġenesi. Barra minn hekk, f'kundizzjonijiet prattiċi, il-ġabra tal-ġeni tan-nissiela tista' tirriżulta restrittiva meta mqabbla mat-trasferiment dirett tal-ġeni u konsegwentement tirriżulta fi prodotti ġodda li x'aktarx ma jinkisbux b'metodi konvenzjonali.*** It-tekniki ta' mutaġenesi mmirata jirriżultaw f'modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f'postijiet preċiżi fil-ġenoma ta' organiżmu. It-tekniki taċ-ċisġenesi jirriżultaw fl-inserzjoni, fil-ġenoma ta' organiżmu, ta' materjal ġenetiku. L-intraġeneżi hija subsett taċ-ċisġenesi li jirriżulta fl-inserzjoni fil-ġenoma ta' kopja riformulata ta' materjal ġenetiku magħmula minn żewġ sekwenzi tad-DNA jew aktar ***minn speċi teoretikament inkroċjata***. ***Madankollu, ma jistax jiġi preżunt li bidliet bħal dawn jirriżultaw fi pjanti ekwivalenti għal pjanti***

imnissla b'mod konvenzjonali, u l-istabbiliment tas-sikurezza u r-riskju ta' dawn il-pjanti tal-NGT jirrikjedi tqabbil dirett mal-linji tal-pjanti ġenituri isoġeniċi u mhux modifikati fuq livell molekulari kif ukoll fuq livell fiżjoloġiku u anatomiku, stabbilit minn evidenza reali.

Or. en

Emenda 55
Günther Sidl

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-NGTs jikkostitwixxu grupp varjat ta' tekniki ġenomiċi, u kull waħda minnhom tista' tintuża b'diversi modi biex jinkisbu riżultati u prodotti differenti**.** ***Dawn jistgħu jirriżultaw f'organiżmi b'modifikazzjonijiet ekwivalenti għal dak li jista' jinkiseb permezz ta' metodi ta' tnissil konvenzjonali jew f'organiżmi b'modifikazzjonijiet aktar kumplessi***. Fost l-NGTs, il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) jintroduċu modifikazzjonijiet ġenetiċi mingħajr ma jiddaħħal materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi)**.** ***Dawn jiddependu biss fuq il-ġabra tal-ġeni tan-nissiela, jiġifieri l-informazzjoni ġenetika totali li hija disponibbli għat-tnissil konvenzjonali inkluż minn speċijiet ta' pjanti relatati mill-bogħod li jistgħu jinkroċjaw b'tekniki ta' tnissil avvanzati***. It-tekniki ta' mutaġenesi mmirata jirriżultaw f'modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f'postijiet preċiżi fil-ġenoma ta' organiżmu. It-tekniki taċ-ċisġenesi jirriżultaw fl-inserzjoni, fil-ġenoma ta' organiżmu, ta' materjal ġenetiku diġà preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela. L-intraġeneżi hija subsett taċ-ċisġenesi li jirriżulta fl-inserzjoni fil-	(2) L-NGTs jikkostitwixxu grupp varjat ta' tekniki ġenomiċi, u kull waħda minnhom tista' tintuża b'diversi modi biex jinkisbu riżultati u prodotti differenti. Fost l-NGTs, il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) jintroduċu modifikazzjonijiet ġenetiċi mingħajr ma jiddaħħal materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi). It-tekniki ta' mutaġenesi mmirata jirriżultaw f'modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f'postijiet preċiżi fil-ġenoma ta' organiżmu. It-tekniki taċ-ċisġenesi jirriżultaw fl-inserzjoni, fil-ġenoma ta' organiżmu, ta' materjal ġenetiku diġà preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela. L-intraġeneżi hija subsett taċ-ċisġenesi li jirriżulta fl-inserzjoni fil-ġenoma ta' kopja riformulata ta' materjal ġenetiku magħmula minn żewġ sekwenzi tad-DNA jew aktar li diġà huma preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela.

ġenoma ta’ kopja riformulata ta’ materjal ġenetiku magħmula minn żewġ sekwenzi tad-DNA jew aktar li diġà huma preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela.

Or. en

Emenda 56
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-NGTs jikkostitwixxu grupp varjat ta’ tekniki ġenomiċi, u kull waħda minnhom tista’ tintuża b’diversi modi biex jinkisbu riżultati u prodotti differenti. Dawn jistgħu jirriżultaw f’organiżmi b’modifikazzjonijiet ekwivalenti għal dak li jista’ jinkiseb permezz ta’ metodi ta’ tnissil konvenzjonali jew f’organiżmi b’modifikazzjonijiet aktar kumplessi. Fost l-NGTs, il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) jintroduċu modifikazzjonijiet ġenetiċi mingħajr ma jiddaħħal materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi). Dawn jiddependu biss fuq il-ġabra tal-ġeni tan-nissiela, jiġifieri l-informazzjoni ġenetika totali li hija disponibbli ***għat-tnissil konvenzjonali inkluż minn speċijiet ta’ pjanti relatati mill-bogħod li jistgħu jinkroċjaw b’tekniki ta’ tnissil avvanzati***. It-tekniki ta’ mutaġenesi mmirata jirriżultaw f’modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f’postijiet preċiżi fil-ġenoma ta’ organiżmu. It-tekniki taċ-ċisġenesi jirriżultaw fl-inserzjoni, fil-ġenoma ta’ organiżmu, ta’ materjal ġenetiku diġà preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela. L-intraġeneżi hija subsett taċ-ċisġenesi li jirriżulta fl-inserzjoni fil-ġenoma ta’ kopja riformulata ta’ materjal ġenetiku magħmula minn żewġ sekwenzi tad-DNA jew aktar li diġà huma preżenti	(2) L-NGTs jikkostitwixxu grupp varjat ta’ tekniki ġenomiċi, u kull waħda minnhom tista’ tintuża b’diversi modi biex jinkisbu riżultati u prodotti differenti. Dawn jistgħu jirriżultaw f’organiżmi b’modifikazzjonijiet ekwivalenti għal dak li jista’ jinkiseb permezz ta’ metodi ta’ tnissil konvenzjonali jew f’organiżmi b’modifikazzjonijiet aktar kumplessi. Fost l-NGTs, il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) jintroduċu modifikazzjonijiet ġenetiċi mingħajr ma jiddaħħal materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi). Dawn jiddependu biss fuq il-ġabra tal-ġeni tan-nissiela, jiġifieri l-informazzjoni ġenetika totali li hija disponibbli ***fi speċi waħda***. It-tekniki ta’ mutaġenesi mmirata jirriżultaw f’modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f’postijiet preċiżi fil-ġenoma ta’ organiżmu. It-tekniki taċ-ċisġenesi jirriżultaw fl-inserzjoni, fil-ġenoma ta’ organiżmu, ta’ materjal ġenetiku diġà preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela. L-intraġeneżi hija subsett taċ-ċisġenesi li jirriżulta fl-inserzjoni fil-ġenoma ta’ kopja riformulata ta’ materjal ġenetiku magħmula minn żewġ sekwenzi tad-DNA jew aktar li diġà huma preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela.

fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela.

Or. en

Emenda 57
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-NGTs jikkostitwixxu grupp varjat ta' tekniki ġenomiċi, u kull waħda minnhom tista' tintuża b'diversi modi biex jinkisbu riżultati u prodotti differenti. Dawn jistgħu jirriżultaw f'organiżmi b'modifikazzjonijiet ekwivalenti għal dak li jista' jinkiseb permezz ta' metodi ta' tnissil konvenzjonali jew f'organiżmi b'modifikazzjonijiet aktar kumplessi. Fost l-NGTs, il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) jintroduċu modifikazzjonijiet ġenetiċi mingħajr ma jiddaħħal materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi). Dawn jiddependu biss fuq il-ġabra tal-ġeni tan-nissiela, jiġifieri l-informazzjoni ġenetika totali li hija disponibbli għat-tnissil konvenzjonali inkluż minn speċijiet ta' pjanti relatati mill-bogħod li jistgħu jinkroċjaw b'tekniki ta' tnissil avvanzati. It-tekniki ta' mutaġenesi mmirata jirriżultaw f'modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f'postijiet preċiżi fil-ġenoma ta' organiżmu. It-tekniki taċ-ċisġenesi jirriżultaw fl-inserzjoni, fil-ġenoma ta' organiżmu, ta' materjal ġenetiku diġà preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela. L-intraġeneżi hija subsett taċ-ċisġenesi li jirriżulta fl-inserzjoni fil-ġenoma ta' kopja riformulata ta' materjal ġenetiku magħmula minn żewġ sekwenzi tad-DNA jew aktar li diġà huma preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela.	(2) L-NGTs jikkostitwixxu grupp varjat ta' tekniki ġenomiċi, u kull waħda minnhom tista' tintuża b'diversi modi biex jinkisbu riżultati u prodotti differenti. Dawn jistgħu jirriżultaw f'organiżmi b'modifikazzjonijiet ekwivalenti għal dak li jista' jinkiseb permezz ta' metodi ta' tnissil konvenzjonali jew f'organiżmi b'modifikazzjonijiet aktar kumplessi. Fost l-NGTs, il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) jintroduċu modifikazzjonijiet ġenetiċi mingħajr ma jiddaħħal materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi). Dawn jiddependu biss fuq il-ġabra tal-ġeni tan-nissiela, jiġifieri l-informazzjoni ġenetika totali li hija ***teoretikament*** disponibbli għat-tnissil konvenzjonali inkluż minn speċijiet ta' pjanti relatati mill-bogħod li jistgħu jinkroċjaw b'tekniki ta' tnissil avvanzati. It-tekniki ta' mutaġenesi mmirata jirriżultaw f'modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f'postijiet preċiżi fil-ġenoma ta' organiżmu. It-tekniki taċ-ċisġenesi jirriżultaw fl-inserzjoni, fil-ġenoma ta' organiżmu, ta' materjal ġenetiku diġà preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela. L-intraġeneżi hija subsett taċ-ċisġenesi li jirriżulta fl-inserzjoni fil-ġenoma ta' kopja riformulata ta' materjal ġenetiku magħmula minn żewġ sekwenzi tad-DNA jew aktar li diġà huma preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiela.

Or. en

Emenda 58
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-introduzzjoni ta' varjetajiet ta' pjanti fl-ambjent u/jew f'oġġetti tal-ikel jew fl-għalf għall-annimali li jistgħu jkunu differenti fil-ġenotipi u l-fenotipi intenzjonati jew mhux intenzjonati tagħhom minn dawk imnissla minn proċessi ta' tnissil konvenzjonali toħloq sfidi għall-awtorità regolatorja, li jeħtiġilha tiżgura s-sikurezza għas-saħħa u għall-ambjent. Tali differenzi jistgħu ma jkunux dejjem ovvji jew prevedibbli u għalhekk hija meħtieġa data xierqa qabel ma jistgħu jsiru konklużjonijiet dwar is-sikurezza tagħhom.

Or. pt

Emenda 59
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Madankollu, il-proċessi użati fiċ-ċisġenesi u fl-intraġeneżi huma l-istess bħal dawk użati fit-transġeneżi, jiġifieri l-inserzjoni ta' sekwenzi ta' ġeni addizzjonali. Barra minn hekk, il-ġabra tal-ġeni użata minn nissiela konvenzjonali f'kundizzjonijiet prattiċi, tista' turi restrizzjonijiet li huma assenti f'ġabra ta' ġeni li jistgħu jiġu sfruttati permezz ta' trasferiment dirett (u potenzjalment ripetut) tal-ġeni fit-tipi kollha ta' sfondi ġenetiċi u għalhekk jirriżultaw fi pjanti li

x'aktarx ma jinkisbux b'metodi ta' tnissil konvenzjonali.

Or. en

Emenda 60
Michal Wiezik, María Soraya Rodríguez Ramos, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Għalhekk, trid tinkiseb valutazzjoni tar-riskju każ b'każ għall-pjanti tal-NGT sabiex tiġi ġġenerata biżżejjed data dwar il-bidliet ġenetiċi intenzjonati u mhux intenzjonati tagħhom u l-effetti relatati. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tirrikjedi esperimenti f'kundizzjonijiet konfinati u għandha ssir sabiex jittieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar l-istatus tal-pjanti tal-NGT.

Or. en

Emenda 61
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Trid titwettaq valutazzjoni tar-riskju fuq il-pjanti tal-NGT kollha sabiex tiġi prodotta data adegwata dwar l-alterazzjonijiet ġenetiċi intenzjonati u mhux intenzjonati tagħhom u l-effetti li jistgħu jirriżultaw minn dawk l-alterazzjonijiet. Dan l-ewwel stadju tal-valutazzjoni tar-riskju, li jirrikjedi biss esperimenti f'kundizzjonijiet ta' użu kontenut, jenħtieġ li jintuża biex jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-istatus tagħhom u l-

[44] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1904 tat-8 ta’ Novembru 2019 li titlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta studju fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-528/16 rigward l-istatus ta’ tekniki ġenomiċi ġodda skont il-liġi tal-Unjoni, u proposta, jekk ikun xieraq fid-dawl tar-riżultati tal-istudju (ĠU L 293, 14.11.2019, p. 103).

Or. fr

Emenda 84
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Il-Parlament Ewropew, fir-rispons tiegħu għall-istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, enfasizza l-prinċipju ta' prekawzjoni u l-ħtieġa li jiġu żgurati t-trasparenza u l-libertà tal-għażla għall-bdiewa, il-proċessuri u l-konsumaturi, u saħaq li kwalunkwe azzjoni ta' politika dwar l-NGTs jenħtieġ li tinkludi valutazzjonijiet tar-riskju u ħarsa ġenerali komprensiva u valutazzjoni tal-għażliet għat-traċċabbiltà u t-tikkettar bil-ħsieb li tinkiseb sorveljanza regolatorja xierqa u jenħtieġ li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni rilevanti, inkluż għal prodotti minn pajjiżi terzi sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi.

Or. en

Emenda 85
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) Il-Parlament Ewropew appella[1a] għal analiżi komprensiva tal-effetti soċjoekonomiċi u ambjentali fuq is-sistema tal-ikel tal-privattivi fuq il-proċessi tat-tnissil, il-materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti u partijiet minnhom, inkluż il-potenzjal tagħhom li jżidu l-konċentrazzjoni tas-suq u l-monopolizzazzjoni fil-katina alimentari, kif ukoll l-impatt tagħhom fuq l-

aċċessibbiltà tal-prezzijiet u d-disponibbiltà tal-ikel, u appella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex ma jagħtux privattivi fuq materjal bijoloġiku u biex jissalvagwardjaw il-libertà li wieħed jopera u l-eżenzjoni tan-nissiela għall-varjetajiet. Għalhekk huwa xieraq li jiġi żgurat li l-pjanti bi privattiva ma jkunu soġġetti għall-ebda eżenzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM. Barra minn hekk, biex tindirizza t-theddida li l-privattivi joħolqu għas-sigurtà tal-ikel, il-Kummissjoni jenħtieġ li tinvestiga malajr l-aħjar triq biex tipprojbixxi l-użu ta' privattivi fil-katina alimentari. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta proposta legali biex dan jinkiseb sal-31 ta' Diċembru 2024.

---

*[1a] **Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2023 dwar l-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza fit-tul tal-agrikoltura tal-UE (2022/2183(INI)) P9_TA(2023)0238***

Or. en

Emenda 86
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-istudju tal-Kummissjoni dwar tekniki ġenomiċi ġodda([45]) ikkonkluda li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM ma hijiex adattata għall-fini tar-regolamentazzjoni tar-rilaxx intenzjonat ta' pjanti miksuba minn ċerti NGTs u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti relatati inklużi l-ikel u l-għalf. B'mod partikolari, l-istudju kkonkluda li l-proċedura ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju għall-OĠM skont	***imħassar***

il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM ma humiex adattati għall-varjetà ta' organiżmi u prodotti potenzjali li jistgħu jinkisbu b'xi NGTs, jiġifieri mutaġenesi mmirata u ċisġenesi (inkluża intraġenesi), u dawn ir-rekwiżiti jistgħu jkunu sproporzjonati jew inadegwati. L-istudju wera li dan huwa partikolarment il-każ għall-pjanti miksuba minn dawn it-tekniki, minħabba l-ammont ta' evidenza xjentifika li diġà hija disponibbli, b'mod partikolari dwar is-sikurezza tagħhom. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM hija diffiċli biex tiġi implimentata u infurzata għall-pjanti miksuba minn mutaġenesi mmirata u ċisġenesi u l-prodotti relatati. F'ċerti każijiet, il-modifikazzjonijiet ġenetiċi introdotti b'dawn it-tekniki ma jkunux jintgħarfu mill-metodi analitiċi minn mutazzjonijiet naturali jew minn modifikazzjonijiet ġenetiċi introdotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali, filwaqt li d-distinzjoni ġeneralment tkun possibbli għal modifikazzjonjiet ġenetiċi introdotti bit-transġenesi. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM lanqas ma tiffavorixxi l-iżvilupp ta' prodotti innovattivi u ta' benefiċċju li jistgħu jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà, għas-sigurtà tal-ikel u għar-reżiljenza tal-katina agroalimentari.

---

[45] Studju dwar l-istatus ta' tekniki ġenomiċi ġodda skont id-dritt tal-Unjoni u fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-528/16, SWD(2021) 92 final.

Or. pt

Emenda 87
Günther Sidl

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-istudju tal-Kummissjoni dwar tekniki ġenomiċi ġodda ([45]) ikkonkludali l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM ma hijiex adattata għall-fini tar-regolamentazzjoni tar-rilaxx intenzjonat ta' pjanti miksuba minn ċerti NGTs u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti relatati inklużi l-ikel u l-għalf. ***B'mod partikolari, l-istudju kkonkluda li l-proċedura ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju għall-OĠM skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM ma humiex adattati għall-varjetà ta' organiżmi u prodotti potenzjali lijistgħu jinkisbu b'xi NGTs, jiġifieri mutaġenesi mmirata u ċisġenesi (inkluża intraġenesi), u dawn ir-rekwiżiti jistgħu jkunu sproporzjonati jew inadegwati. L-istudju wera li dan huwa partikolarment il-każ għall-pjanti miksuba minn dawn it-tekniki, minħabba l-ammont ta' evidenza xjentifika li diġà hija disponibbli, b'mod partikolari dwar is-sikurezza tagħhom. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM hija diffiċli biex tiġi implimentata u infurzata għall-pjanti miksuba minn mutaġenesi mmirata u ċisġenesi u l-prodotti relatati. F'ċerti każijiet, il-modifikazzjonijiet ġenetiċi introdotti b'dawn it-tekniki ma jkunux jintgħarfu mill-metodi analitiċi minn mutazzjonijiet naturali jew minn modifikazzjonijiet ġenetiċi introdotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali, filwaqt li d-distinzjoni ġeneralment tkun possibbli għal modifikazzjonjiet ġenetiċi introdotti bit-transġenesi. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM lanqas ma tiffavorixxi l-iżvilupp ta' prodotti innovattivi u ta' benefiċċju li jistgħu jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà, għas-sigurtà tal-ikel u għar-reżiljenza tal-katina agroalimentari.***	(7) L-istudju tal-Kummissjoni dwar tekniki ġenomiċi ġodda ([45]) ikkonkluda li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM ma hijiex adattata għall-fini tar-regolamentazzjoni tar-rilaxx intenzjonat ta' pjanti miksuba minn ċerti NGTs u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti relatati inklużi l-ikel u l-għalf.
[45] Studju dwar l-istatus ta' tekniki ġenomiċi ġodda skont id-dritt tal-Unjoni u fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-	[45] Studju dwar l-istatus ta' tekniki ġenomiċi ġodda skont id-dritt tal-Unjoni u fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-

Ġustizzja fil-Kawża C-528/16, SWD(2021) 92 final.

Or. en

Emenda 88
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-istudju tal-Kummissjoni dwar tekniki ġenomiċi ġodda[45] ikkonkluda li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM ma hijiex adattata għall-fini tar-regolamentazzjoni tar-rilaxx intenzjonat ta' pjanti miksuba minn ċerti NGTs u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti relatati inklużi l-ikel u l-għalf. B'mod partikolari, l-istudju kkonkluda li l-proċedura ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju għall-OĠM skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM ma humiex adattati għall-varjetà ta' organiżmi u prodotti potenzjali li jistgħu jinkisbu b'xi NGTs, jiġifieri mutaġenesi mmirata u ċisġenesi (inkluża intraġenesi), u dawn ir-rekwiżiti jistgħu jkunu sproporzjonati jew inadegwati. ***L-istudju wera li dan huwa partikolarment il-każ għall-pjanti miksuba minn dawn it-tekniki, minħabba l-ammont ta' evidenza xjentifika li diġà hija disponibbli, b'mod partikolari dwar is-sikurezza tagħhom.*** Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM hija diffiċli biex tiġi implimentata u infurzata għall-pjanti miksuba minn mutaġenesi mmirata u ċisġenesi u l-prodotti relatati. F'ċerti każijiet, il-modifikazzjonijiet ġenetiċi introdotti b'dawn it-tekniki ma jkunux jintgħarfu mill-metodi analitiċi minn mutazzjonijiet naturali jew minn modifikazzjonijiet ġenetiċi introdotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali, filwaqt li d-distinzjoni ġeneralment tkun possibbli	(7) L-istudju tal-Kummissjoni dwar tekniki ġenomiċi ġodda[45] ikkonkluda li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM ma hijiex adattata għall-fini tar-regolamentazzjoni tar-rilaxx intenzjonat ta' pjanti miksuba minn ċerti NGTs u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti relatati inklużi l-ikel u l-għalf. B'mod partikolari, l-istudju kkonkluda li l-proċedura ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju għall-OĠM skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM ma humiex adattati għall-varjetà ta' organiżmi u prodotti potenzjali li jistgħu jinkisbu b'xi NGTs, jiġifieri mutaġenesi mmirata u ċisġenesi (inkluża intraġenesi), u dawn ir-rekwiżiti jistgħu jkunu sproporzjonati jew inadegwati. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM hija diffiċli biex tiġi implimentata u infurzata għall-pjanti miksuba minn mutaġenesi mmirata u ċisġenesi u l-prodotti relatati***, minħabba investiment insuffiċjenti biex jiġi aġġornat in-Network Ewropew tal-Laboratorji OĠM (ENGL)***. F'ċerti każijiet, il-modifikazzjonijiet ġenetiċi introdotti b'dawn it-tekniki ***jkunu effettivament meqjusa li*** ma jkunux jintgħarfu ***faċilment*** mill-metodi analitiċi ***użati normalment*** minn mutazzjonijiet naturali jew minn modifikazzjonijiet ġenetiċi introdotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali ***jew minn tekniki ta' modifikazzjoni ġenetika msemmija fl-***

għal modifikazzjonjiet ġenetiċi introdotti bit-transġenesi. ***Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM lanqas ma tiffavorixxi l-iżvilupp*** ta' prodotti ***innovattivi u ta' benefiċċju li jistgħu jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà, għas-sigurtà tal-ikel u għar-reżiljenza tal-katina agroalimentari.***

[45] Studju dwar l-istatus ta' tekniki ġenomiċi ġodda skont id-dritt tal-Unjoni u fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-528/16, SWD(2021) 92 final.

Anness 1B tad-Direttiva 2001/18/KE, , filwaqt li d-distinzjoni ġeneralment tkun possibbli għal modifikazzjonjiet ġenetiċi introdotti bit-transġenesi. ***In-network ENGL iqis li l-forniment ta' informazzjoni (kif previst mir-Regolament 1829/2003) u ta' materjal ta' referenza min-notifikaturi se jippermetti li l-prodotti NGT jinqabdu u jiġu traċċati. Id-determinazzjoni tal-oriġini naturali jew artefattwali tal-modifiki ġenetiċi jew epiġenetiċi hija wkoll possibbli minn approċċ teorizzat tal-matriċi u użat min-network ENGL. Bħalissa jinsab għaddej żvilupp tal-metodi ta' detezzjoni l-iktar effettivi, bis-saħħa ta' sforz ta' riċerka riċenti (tmiem l-2022) ta' tiftix li qed jiżdied. Fi kwalunkwe każ, id-disponibbiltà tal-metodi ta' detezzjoni ma tistax titqies bħala prerekwiżit fit-twaqqif ta' traċċabbiltà adattata li tista' tkun traċċabbiltà dokumentarja kif huwa l-każ għal għadd*** ta' prodotti ***ta' kwalità u ismijiet differenti***.

[45] Studju dwar l-istatus ta' tekniki ġenomiċi ġodda skont id-dritt tal-Unjoni u fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-528/16, SWD(2021) 92 final.

Or. fr

Emenda 89
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-istudju tal-Kummissjoni dwar tekniki ġenomiċi ġodda ([45]) ikkonkluda li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM ma hijiex adattata għall-fini tar-regolamentazzjoni tar-rilaxx intenzjonat ta'	(7) L-istudju tal-Kummissjoni dwar tekniki ġenomiċi ġodda ([45]) ikkonkluda li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM ma hijiex adattata għall-fini tar-regolamentazzjoni tar-rilaxx intenzjonat ta'

pjanti miksuba minn ċerti NGTs u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti relatati inklużi l-ikel u l-għalf. B'mod partikolari, l-istudju kkonkluda li l-proċedura ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju għall-OĠM skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM ma humiex adattati għall-varjetà ta' organiżmi u prodotti potenzjali li jistgħu jinkisbu b'xi NGTs, jiġifieri mutaġenesi mmirata u ċisġenesi (inkluża intraġenesi), u dawn ir-rekwiżiti jistgħu ***jkunu sproporzjonati jew inadegwati***. L-istudju wera li dan huwa partikolarment il-każ għall-pjanti miksuba minn dawn it-tekniki, minħabba l-ammont ta' evidenza xjentifika li diġà hija disponibbli, b'mod partikolari dwar is-sikurezza tagħhom. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM hija diffiċli biex tiġi implimentata u infurzata għall-pjanti miksuba minn mutaġenesi mmirata u ċisġenesi u l-prodotti relatati. F'ċerti każijiet, il-modifikazzjonijiet ġenetiċi introdotti b'dawn it-tekniki ma jkunux jintgħarfu mill-metodi analitiċi minn mutazzjonijiet naturali jew minn modifikazzjonijiet ġenetiċi introdotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali, filwaqt li d-distinzjoni ġeneralment tkun possibbli għal ***modifikazzjonjiet*** ġenetiċi introdotti bit-transġenesi. ***Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM lanqas ma tiffavorixxi l-iżvilupp ta' prodotti innovattivi u ta' benefiċċju li jistgħu jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà, għas-sigurtà tal-ikel u għar-reżiljenza tal-katina agroalimentari***.

pjanti miksuba minn ċerti NGTs u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti relatati inklużi l-ikel u l-għalf. B'mod partikolari, l-istudju kkonkluda li l-proċedura ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju għall-OĠM skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM ma humiex adattati għall-varjetà ta' organiżmi u prodotti potenzjali li jistgħu jinkisbu b'xi NGTs, jiġifieri mutaġenesi mmirata u ċisġenesi (inkluża intraġenesi), u dawn ir-rekwiżiti jistgħu ***jwasslu għall-kultivazzjoni u r-rilaxx ta' OĠM fl-ambjent u t-tqegħid tagħhom fis-suq***. L-istudju wera li dan huwa partikolarment il-każ għall-pjanti miksuba minn dawn it-tekniki, minħabba l-ammont ta' evidenza xjentifika li diġà hija disponibbli, b'mod partikolari dwar is-sikurezza tagħhom. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM hija diffiċli biex tiġi implimentata u infurzata għall-pjanti miksuba minn mutaġenesi mmirata u ċisġenesi u l-prodotti relatati. F'ċerti każijiet, ***sal-ġurnata tal-lum,*** il-modifikazzjonijiet ġenetiċi introdotti b'dawn it-tekniki ***jistgħu jitqiesu li*** ma jkunux jintgħarfu mill-metodi analitiċi minn mutazzjonijiet naturali jew minn modifikazzjonijiet ġenetiċi introdotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali, filwaqt li d-distinzjoni ġeneralment tkun possibbli għal ***modifikazzjonijiet*** ġenetiċi introdotti bit-transġenesi. ***Madankollu, l-iżvilupp ta' metodi ta' detezzjoni fis-snin li ġejjin jitqies possibbli ħafna mix-xjenzati u l-esperti. Ir-riċerka u l-għarfien xjentifiku fil-qasam tal-inġinerija ġenetika u t-teknoloġiji ta' detezzjoni qed jespandu fuq bażi kontinwa***. ***Hija meħtieġa aktar riċerka biex jitħaffef l-iżvilupp ta' tali metodi analitiċi ta' detezzjoni. Id-disponibbiltà ta' metodi ta' detezzjoni ma hijiex prerekwiżit għall-istabbiliment tat-traċċabbiltà. Ħafna skemi ta' kwalità u tikketti eżistenti huma bbażati fuq it-traċċabbiltà tad-dokumenti li għalihom ma hemm l-ebda metodu ta' detezzjoni***

disponibbli u lanqas meħtieġ.

[45] Studju dwar l-istatus ta' tekniki ġenomiċi ġodda skont id-dritt tal-Unjoni u fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-528/16, SWD(2021) 92 final.

[45] Studju dwar l-istatus ta' tekniki ġenomiċi ġodda skont id-dritt tal-Unjoni u fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-528/16, SWD(2021) 92 final.

Or. en

Emenda 90
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-istudju tal-Kummissjoni dwar tekniki ġenomiċi ġodda ([45]) ikkonkluda li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM ma hijiex adattata għall-fini tar-regolamentazzjoni tar-rilaxx intenzjonat ta' pjanti miksuba minn ċerti NGTs u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti relatati inklużi l-ikel u l-għalf. B'mod partikolari, l-istudju kkonkluda li l-proċedura ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju għall-OĠM skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM ma humiex adattati għall-varjetà ta' organiżmi u prodotti potenzjali li jistgħu jinkisbu b'xi NGTs, jiġifieri mutaġenesi mmirata u ċisġenesi (inkluża intraġenesi), u dawn ir-rekwiżiti jistgħu jkunu sproporzjonati jew inadegwati. ***L-istudju wera li dan huwa partikolarment il-każ għall-pjanti miksuba minn dawn it-tekniki, minħabba l-ammont ta' evidenza xjentifika li diġà hija disponibbli, b'mod partikolari dwar is-sikurezza tagħhom***. Barra minn hekk, ***il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM hija diffiċli biex tiġi implimentata u infurzata għall-pjanti miksuba minn mutaġenesi mmirata u ċisġenesi u l-prodotti relatati. F'ċerti każijiet, il-modifikazzjonijiet***	(7) L-istudju tal-Kummissjoni dwar tekniki ġenomiċi ġodda ([45]) ikkonkluda li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM ma hijiex adattata għall-fini tar-regolamentazzjoni tar-rilaxx intenzjonat ta' pjanti miksuba minn ċerti NGTs u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti relatati inklużi l-ikel u l-għalf. B'mod partikolari, l-istudju kkonkluda li l-proċedura ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju għall-OĠM skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM ma humiex adattati għall-varjetà ta' organiżmi u prodotti potenzjali li jistgħu jinkisbu b'xi NGTs, jiġifieri mutaġenesi mmirata u ċisġenesi (inkluża intraġenesi), u dawn ir-rekwiżiti jistgħu jkunu sproporzjonati jew inadegwati. ***Madankollu, skont opinjoni esperta[45a], hemm dgħufijiet metodoloġiċi sinifikanti għall-istudju tal-Kummissjoni, u dan ma janalizzax, pereżempju, b'mod sistematiku l-istat tar-riċerka, u lanqas ma jagħmel jiċċara l-kriterji għall-evalwazzjoni tal-materjal li fuqu hija bbażata, filwaqt li sempliċiment jiġbor fil-qosor dan***. Barra minn hekk, ***l-opinjoni esperta sabet li l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni jidhru arbitrarji u li ma***

ġenetiċi introdotti b'dawn it-tekniki ma jkunux jintgħarfu mill-metodi analitiċi minn mutazzjonijiet naturali jew minn modifikazzjonijiet ġenetiċi introdotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali, filwaqt li d-distinzjoni ġeneralment tkun possibbli għal modifikazzjonjiet ġenetiċi introdotti bit-transġenesi. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM lanqas ma tiffavorixxi l-iżvilupp ta' prodotti innovattivi u ta' benefiċċju li jistgħu jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà, għas-sigurtà tal-ikel u għar-reżiljenza tal-katina agroalimentari.

[45] Studju dwar l-istatus ta' tekniki ġenomiċi ġodda skont id-dritt tal-Unjoni u fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-528/16, SWD(2021) 92 final.

jikkonformawx ma' xi wħud mill-istandards tal-Kummissjoni stess dwar, pereżempju, Regolamentazzjoni Aħjar.

45a

https://www.bfn.de/sites/default/files/2023-03/bng_finalreport_COMstudy_Feb2023.pdf

Or. en

Emenda 91
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7bis) F'notifika ta' Ottubru 2022, l-EFSA pproponiet is-sitt kriterji li għandhom jiġu meqjusa biex titwettaq evalwazzjoni tar-riskji għall-pjanti miksuba minn mutaġenesi mmirata, ċisġenesi u intraġenesi. L-ewwel erba' kriterji jirrigwardaw il-karatterizzazzjoni molekulari tal-modifikazzjoni ġenetika tal-pjanti NGT: preżenza jew nuqqas tagħha tas-sekwenza DNA eżoġenu (il-kriterju 1), sekwenza tad-DNA li ġejja jew

minn ġabra ġenetika ta' nissiela (il-kriterju 2), tip ta' integrazzjoni (il-kriterju 3), waqfien jew le ta' ġene endoġenu (il-kriterju 4). Skont il-kriterji, il-pjanta tista' titqies bħala pjanta mingħajr sekwenza tad-DNA eżoġena, kif ukoll pjanta ċisġenetika jew intraġenetika bis-saħħa ta' inserzjoni mmirata b'waqfien ta' ġeni endoġeni jew le. Fil-każ ta' waqfien fil-ġeni endoġeni, żewġ kriterji addizzjonali jikkompletaw l-evalwazzjoni: rekords ta' użu sikur (il-kriterju 5) u l-istruttura tal-funzjoni tal-allel il-ġdid (il-kriterju 6). Meta r-rekords tal-użu sikur ma jkunux stabbiliti b'mod suffiċjenti, il-funzjoni u l-istruttura tal-allel introdott għandhom jiġu evalwati b'attenzjoni. B'mod definittiv, l-evalwazzjoni tar-riskji ma tistax toqgħod fuq l-għadd ta' modifiki ġenetiċi li jkunu saru intenzjonalment, iżda fuq l-impatti tal-modifiki ġenetiċi fuq l-espressjoni tal-ġeni tal-pjanta li jkunu endoġenetiċi jew eżoġenetiċi.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/7621

Emenda 92
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Bħalissa, id-dibattitu dwar l-użu tal-NGTs fit-tnissil tal-pjanti qed isir kważi esklużivament fost ix-xjenzati, l-organizzazzjonijiet xjentifiċi u industrijali, u l-kumpaniji fil-qasam agroalimentari, kif ukoll għadd żgħir ta' NGOs. Madankollu, fit-tfassil ta' politika ġdida dwar l-NGTs, huwa importanti li tiġi inkluża l-vuċi taċ-ċittadini, mhux biss

minħabba li l-bijoteknoloġiji għandhom is-setgħa li jfasslu mill-ġdid il-ħajja, iżda wkoll minħabba li joffru l-potenzjal li jsawru mill-ġdid il-prattika tal-agrikoltura u l-futur tal-ikel tagħna (is-sistema). Il-mod kif nipproduċu l-ikel jinvolvi mistoqsijiet dwar kif irridu ngħixu fuq din il-pjaneta u kif irridu nirrelataw ma' speċijiet oħra. Għall-finijiet tad-demokrazija, iċ-ċittadini jeħtieġ li jkollhom vuċi dwar liema valuri pubbliċi huma inkorporati f'politika ġdida għall-NGTs.

Or. en

Emenda 93
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-kawżi sottostanti tal-ġuħ rarament huma relatati mal-ħsad limitat tal-għelejjel innifsu, iżda aktar mal-faqar, ma' aċċess mhux ugwali għall-ikel u ma' aċċess mhux ugwali għall-art u għall-mezzi tal-produzzjoni tal-ikel, nuqqas ta' appoġġ għall-bdiewa b'azjenda agrikola tal-familja, introjtu baxx u spekulazzjoni dwar il-kost tal-ikel imqiegħed fis-suq.

Or. pt

Emenda 94
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Wieħed mill-ftit studji li twettqu

biex tiġi investigata l-attitudni tal-pubbliku, ikkonkluda[1a] li b'mod ġenerali, il-fehmiet taċ-ċittadini kkonverġew lejn riżerva u eżitazzjoni dwar l-użu tal-NGTs u l-modifikazzjoni ġenetika fl-għelejjel. Iċ-ċittadini qajmu dubji prinċipalment dwar il-plawżibbiltà li dawn l-għelejjel se jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għas-soluzzjoni tal-isfidi soċjetali attwali tagħna fis-sistema tal-ikel, u jekk humiex tabilħaqq l-approċċ it-tajjeb biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi. Huma staqsew jekk soluzzjonijiet alternattivi jistgħux ikunu aħjar, u kif dawn jistgħu jiġu b'inqas riskji fit-tul u mhux previsti għas-saħħa tal-bniedem u għall-ekosistemi. Barra minn hekk, iċ-ċittadini f'dan l-istudju staqsew jekk il-kumpaniji fil-prattika humiex se jiżviluppaw varjetajiet ta' valur għas-soċjetà, peress li l-loġistika tad-dinja korporattiva għandha t-tendenza li tkun iffukata fuq l-akkumulazzjoni tal-kapital u fuq li tagħmel il-profitti. Iċ-ċittadini kienu unanimi fil-fehma tagħhom li r-regolamentazzjoni tal-għelejjel tal-NGT hija meħtieġa minħabba diversi raġunijiet: biex tipprevjeni l-ħsara lill-ambjent u lis-saħħa tal-bniedem, biex tagħti lill-konsumaturi il-libertà tal-għażla, biex tħares kontra l-potenzjal tat-teknoloġija li żżid l-inugwaljanzi, u biex tiżgura li t-teknoloġija tkun diretta lejn il-kontribut għal soluzzjonijiet għall-problemi soċjetali. Dan tal-aħħar jitqies bħala prekundizzjoni importanti għall-introduzzjoni ta' prodotti tal-NGT fis-suq. Skont iċ-ċittadini, jenħtieġ li l-NGTs ma jiġux żviluppati purament minħabba raġunijiet kummerċjali xprunati mil-loġika tas-suq. Jeħtieġ li jkun hemm skop soċjetali ċar għall-introduzzjoni tagħhom. F'termini ta' politika, dan ikun jeħtieġ valutazzjoni każ b'każ tal-għelejjel tal-NGT għal kunsiderazzjonijiet usa' bħall-iskop, u l-valur għas-soċjetà.

[1a] Rathenau Instituut (2023). "Editing

under provision – Dutch citizens' views on new genomic techniques in food crops." (Editjar taħt dispożizzjoni – Il-fehmiet taċ-ċittadini Olandiżi dwar tekniki ġenomiċi ġodda fl-għelejjel tal-ikel.) Den Haag. Awturi: Habets, M., I. Pirson, P. Macnaghten u P. Verhoef.

Or. en

Emenda 95
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi adottat qafas legali speċifiku għall-OĠM miksuba bil-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi u prodotti relatati meta jiġu rilaxxati intenzjonalment fl-ambjent jew jitqiegħdu fis-suq.	***imħassar***

Or. en

Emenda 96
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi adottat qafas legali speċifiku għall-OĠM miksuba bil-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi u prodotti relatati meta jiġu rilaxxati intenzjonalment fl-ambjent jew jitqiegħdu fis-suq.	(8) Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi adottat qafas legali speċifiku għall-OĠM miksuba bil-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi u prodotti relatati meta jiġu rilaxxati intenzjonalment fl-ambjent jew jitqiegħdu fis-suq***, filwaqt li jiġu ppreżervati l-prinċipji ċentrali tal-leġiżlazzjoni fuq l-OĠM fis-seħħ għal aktar minn 20 sena : informazzjoni tajba u libertà tal-għażla għall-konsumaturi u l-***

	agrikolturi, evalwazzjoni u segwitu tar-riskji mill-awtoriatjiet sanitarji, prinċipju ta' prekawzjoni u riversibbiltà, koeżistenza tal-industriji.

Or. fr

Emenda 97
Erik Poulsen, Asger Christensen, Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi adottat qafas legali speċifiku għall-OĠM*** miksuba bil-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi u prodotti relatati ***meta jiġu rilaxxati intenzjonalment fl-ambjent jew jitqiegħdu fis-suq***.	(8) ***Il-pjanti u l-prodotti tal-NGT tal-Kategorija 1*** miksuba bil-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi u prodotti relatati ***ma għandhomx ikunu soġġetti għar-regoli u r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM u għal dispożizzjonijiet f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li japplikaw għall-OĠM***. ***Il-pjanti u l-prodotti tal-mutaġenesi mmirata tal-NGT tal-Kategorija 1 għandhom jiġu eżentati fl-Anness 1B tad-Direttiva 2001/18/KE bħal metodi mutaġeneċi oħra.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Irridu nagħmluha ċara li dan ma huwiex OĠM u għalhekk ma għandux ikun soġġett għal-leġiżlazzjoni dwar l-OĠM.

Emenda 98
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Għalhekk, huwa ***meħtieġ*** li ***jiġi adottat qafas legali speċifiku*** għall-OĠM	(8) Għalhekk, huwa ***xieraq*** li ***jiġu adottati dispożizzjonijiet speċifiċi*** għall-

miksuba bil-mutaġenesi mmirata u ***ċ-ċisġenesi u*** prodotti relatati ***meta jiġu rilaxxati intenzjonalment fl-ambjent jew jitqiegħdu fis-suq***.	OĠM miksuba bil-mutaġenesi mmirata u prodotti relatati.

Or. en

Emenda 99
Catherine Griset, Aurélia Beigneux

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8bis) Dan il-qafas legali tal-istandards għolja ta' trasparenza u assoċjati mal-partijiet ikkonċernati fit-tqegħid fis-seħħ tar-regolamentazzjoni u s-segwitu tal-effetti tagħha.

Or. fr

Emenda 100
Catherine Griset, Aurélia Beigneux

Proposta għal regolament
Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8ter) Dan il-qafas legali joffri garanziji ta' prudenza minħabba li f'dan l-istadju ta' għarfien xjentifiku disponibbli, l-impatt u l-effetti tal-pjanti NGT ma humiex magħrufa. Dan jirrigwarda b'mod notevoli s-sorveljanza tal-konsegwenzi ta' modifikazzjoni aċċellerata tal-organiżmi skont iċ-ċiklu naturali veġetali tagħhom fuq l-ekwilibru u l-istabbiltà tal-pjanta ħajja.

Or. fr

Emenda 101
Catherine Griset, Aurélia Beigneux

Proposta għal regolament
Premessa 8c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8c) Dan il-qafas legali jiggarantixxi t-traċċabbiltà sistematika u permanenti sabiex tiġi garantita t-trasparenza, il-libertà tal-għażla u l-informazzjoni tal-utenti u tal-konsumaturi.

Or. fr

Emenda 102
Catherine Griset, Aurélia Beigneux

Proposta għal regolament
Premessa 8d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8d) Dan il-qafas legali jaċċerta protezzjoni tal-pjanta ħajja u jopponi l-"privatizzazzjoni" tagħha minn estensjoni eventwali tal-privattivi fuq l-organiżmi ħajjin li tmur lil hinn mill-protezzjoni meħtieġa tat-tekniki u tal-metodi.

Or. fr

Emenda 103
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament ***jenħtieġ li*** jkun limitat għall-OĠM li huma	(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament ***għandu*** jkun limitat għall-OĠM li huma

pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew Phaeophyceae, eskluži l-mikroorganiżmi, il-fungi u l-annimali li għalihom l-għarfien disponibbli huwa aktar limitat. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament ***jenħtieġ li*** jkopri biss pjanti miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) (minn hawn 'il quddiem il-"pjanti tal-NGT"), iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ***ma jġorrux*** materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) ***jibqgħu soġġetti biss għal-*** leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi assoċjati ***mat-transġene***. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM miksuba mit-transġenesi jeħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument.

pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew Phaeophyceae, eskluži l-mikroorganiżmi, il-fungi u l-annimali li għalihom l-għarfien disponibbli huwa ***ħafna*** aktar limitat. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament ***għandu*** jkopri biss pjanti miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) (minn hawn 'il quddiem il-"pjanti tal-NGT"), iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ***ma jistgħux ikunu trasportaturi ta'*** materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi ***u t-tekniki kollha kontaminanti bħalma jagħmel il-passaġġ mill-ispeċijiet waqt li jħalli sekwenzi barranin fil-ġenomu tal-ispeċijiet fil-mira***) ***għandhom*** jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi assoċjati ***mas-sekwenzi barranin u l-effetti tagħhom mhux intenzjonati***. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM miksuba mit-transġenesi jeħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument.

Or. fr

Emenda 104
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma	(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma

pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew Phaeophyceae, eskluži l-mikroorganiżmi, il-fungi u l-annimali li għalihom l-għarfien disponibbli huwa aktar limitat. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) (minn hawn 'il quddiem il-"pjanti tal-NGT"), ***iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn***. Dawn il-pjanti tal-NGT ma jġorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-transġene. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM miksuba mit-transġenesi jeħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument.

pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew Phaeophyceae, eskluži l-mikroorganiżmi, il-fungi u l-annimali li għalihom l-għarfien disponibbli huwa aktar limitat. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) (minn hawn 'il quddiem il-"pjanti tal-NGT"). Dawn il-pjanti tal-NGT ma jġorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-transġene. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM miksuba mit-transġenesi jeħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument. ***Madankollu, abbażi ta' sejbiet u għarfien xjentifiċi ġodda, huwa importanti li jiġi vvalutat regolarment jekk dan ir-regolament jistax jiġi applikat għall-kategoriji msemmija hawn fuq attwalment limitati.***

Or. en

Emenda 105
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma ***pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew***	(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma ***għelejjel agrikoli annwali mingħajr ebda potenzjal ta' sopravivenza, riproduzzjoni u***

Phaeophyceae, eskluži l-mikroorganiżmi, il-fungi u l-annimali li għalihom l-għarfien disponibbli huwa aktar limitat. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata ***u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi)*** (minn hawn 'il quddiem il-"pjanti tal-NGT"), iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-transġene. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM miksuba mit-transġenesi jeħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument.

tixrid fl-ambjent, eskluži organiżmi oħrajn li għalihom l-għarfien disponibbli huwa aktar limitat. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata (minn hawn 'il quddiem il-"pjanti tal-NGT"), iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ma jġorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw ***jew inserzjonijiet ta' materjal ġenetiku addizzjonali ppreparat barra miċ-ċelloli***. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) ***jew li fihom materjal ġenetiku addizzjonali ppreparat barra miċ-ċelloli*** jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-transġene ***jew il-materjal ġenetiku addizzjonali mdaħħal***. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM miksuba mit-transġenesi jeħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument.

Or. pt

Emenda 106
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma pjanti***, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew Phaeophyceae***, eskluži l-mikroorganiżmi, il-fungi u l-annimali ***li għalihom l-***	(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma pjanti ***li jinħartu kull sena mingħajr il-potenzjal li jippersistu, jirriproduċu u jippropagaw fl-ambjent***, eskluži l-mikroorganiżmi, il-fungi u l-annimali.

għarfien disponibbli huwa aktar limitat. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata ***u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi)*** (minn hawn 'il quddiem il-"pjanti tal-NGT"), iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ma jġorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku ***ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw*** (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi assoċjati ***mat-transġene***. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM ***miksuba mit-transġenesi*** jeħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument.

Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata (minn hawn 'il quddiem il-"pjanti tal-NGT"), iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ma jġorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku (***ċisġenesi, intraġeneżi u*** transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi assoċjati. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM jeħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument.

Or. en

Emenda 107
Michal Wiezik, María Soraya Rodríguez Ramos, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM ***li huma pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew Phaeophyceae, eskluži l-mikroorganiżmi, il-fungi u l-annimali li għalihom l-għarfien disponibbli huwa aktar limitat***. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata ***u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi)*** (minn hawn 'il quddiem il-"pjanti tal-NGT"),	(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM ***ikkategorizzati bħala għelejjel li jinħartu kull sena mingħajr potenzjal li jippersistu, jirriproduċu u jinxterdu fl-ambjent***. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata (minn hawn 'il quddiem il-"pjanti tal-NGT"), iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ma jġorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma

iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ma jġorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-transġene. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM miksuba mit-transġenesi jeħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument.

jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra ***inkluż*** li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-transġene. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM miksuba mit-transġenesi jeħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument.

Or. en

Emenda 108
Pernille Weiss

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew Phaeophyceae***, eskluż l-mikroorganiżmi***, il-fungi u l-annimali ***li għalihom l-għarfien disponibbli huwa aktar limitat***. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) (minn hawn 'il quddiem il-"pjanti tal-NGT"), iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ma jġorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku	(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew Phaeophyceae***. L-għarfien disponibbli dwar organiżmi oħra, bħall-mikroorganiżmi***, il-fungi u l-annimali***, jenħtieġ li jiġi riežaminat bil-ħsieb ta' initativi leġiżlattivi futuri dwar dan***. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) (minn hawn 'il quddiem il-"pjanti tal-NGT"), iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ma jġorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti

ta’ speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista’ jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-transġene. ***Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM miksuba mit-transġenesi jeħtieġ li jiġu adattati f’dan il-mument.***	minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f’organiżmu materjal ġenetiku ta’ speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista’ jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-transġene.

Or. en

Emenda 109
Erik Poulsen, Asger Christensen, Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b’mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew Phaeophyceae, ***eskluż l-mikroorganiżmi***, ***il-fungi u l-annimali li għalihom*** l-għarfien disponibbli ***huwa aktar limitat***. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba b’ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) (minn hawn ’il quddiem il-“pjanti tal-NGT”), iżda mhux permezz ta’ tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ma jġorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f’organiżmu materjal ġenetiku ta’ speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista’ jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-transġene. Barra minn hekk, ***ma hemm l-***	(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b’mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew Phaeophyceae***. Għal organiżmi oħra, bħall-mikroorganiżmi***, l-għarfien disponibbli ***se jiġi riežaminat fid-dawl ta’ proposta futura***. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba b’ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) (minn hawn ’il quddiem il-“pjanti tal-NGT”), iżda mhux permezz ta’ tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ma jġorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f’organiżmu materjal ġenetiku ta’ speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista’ jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-

ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM ***għall-OĠM miksuba mit-transġenesi jeħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument***.	transġene. Barra minn hekk, ***il-leġiżlazzjoni usa'*** dwar l-OĠM ***jenħtieġ li tiġi eżaminata fid-dawl tal-konklużjoni tal-Kummissjoni li ma għadhiex adatta għall-iskop li jiġi żgurat li r-rekwiżiti jkunu bbażati fuq ix-xjenza u proporzjonati għar-riskju***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-Proposta jinnota li "L-Unjoni tirriskja li tiġi eskluża b'mod sinifikanti mill-iżviluppi teknoloġiċi u mill-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali li dawn it-teknoloġiji l-ġodda jistgħu potenzjalment jiġġeneraw, jekk il-qafas tagħha tal-OĠM ma jkunx adattat għall-NGTs.... Għalhekk, il-qafas regolatorju tal-Unjoni għandu jiġi adattat biex jagħmel l-NGTs soġġetti għal-livell xieraq ta' sorveljanza regolatorja." Huwa għalhekk rilevanti li tiġi eżaminata leġiżlazzjoni simili dwar il-mikroorganiżmi, li hija settur importanti ieħor għall-Ewropa.

Emenda 110
Norbert Lins

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew Phaeophyceae, ***eskluži l-mikroorganiżmi***, il-fungi u l-annimali ***li għalihom l-għarfien disponibbli huwa aktar limitat***. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) (minn hawn 'il quddiem il-"pjanti tal-NGT"), iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ma jġorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra	(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew Phaeophyceae***. L-għarfien disponibbli għal organiżmi oħra, bħall-mikroorganiżmi***, il-fungi u l-annimali***, se jiġi rieżaminat fid-dawl ta' proposta futura***. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) (minn hawn 'il quddiem il-"pjanti tal-NGT"), iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ma jġorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux

li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-transġene. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM miksuba mit-transġenesi jeħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument.

jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-transġene. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM miksuba mit-transġenesi jeħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument.

Or. en

Emenda 111
Lydie Massard

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew Phaeophyceae, esklużi l-mikroorganiżmi, il-fungi u l-annimali li għalihom l-għarfien disponibbli huwa aktar limitat. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) (minn hawn 'il quddiem il-"pjanti tal-NGT"), iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ma jġorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM,	(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma pjanti ***agrikoli annwali***, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew Phaeophyceae, esklużi l-mikroorganiżmi, il-fungi u l-annimali li għalihom l-għarfien disponibbli huwa aktar limitat. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) (minn hawn 'il quddiem il-"pjanti tal-NGT"), iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ma jġorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM,

minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-transġene. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM miksuba mit-transġenesi jeħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument.

minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-transġene. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM miksuba mit-transġenesi jeħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument.

Or. en

Emenda 112
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma ***pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew Phaeophyceae***, eskluża l-mikroorganiżmi, il-fungi u l-annimali li għalihom l-għarfien disponibbli huwa aktar limitat. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba ***b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi*** mmirata ***u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) (minn hawn 'il quddiem il-"pjanti tal-NGT"), iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ma jġorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw***. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda ***oħra*** li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-transġene. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM miksuba mit-transġenesi	(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma ***għelejjel li jinħartu kull sena mingħajr il-potenzjal li jippersistu, jirriproduċu u jippropagaw fl-ambjent***, eskluża l-mikroorganiżmi, il-fungi***,*** u l-annimali ***u l-pjanti selvaġġi*** li għalihom l-għarfien disponibbli huwa aktar limitat. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba ***minn mutaġenesi*** mmirata***, bil-kundizzjoni li ma jkunx fihom aktar transġeni jekk dawn ikunu ġew introdotti matul l-iżvilupp tagħhom***. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-transġene. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM miksuba mit-transġenesi jeħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument.

jeħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument.

Or. en

Emenda 113
Stanislav Polčák

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew Phaeophyceae, ***eskluži l-mikroorganiżmi***, il-fungi u l-annimali li għalihom l-għarfien disponibbli huwa aktar limitat. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri ***biss*** pjanti miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) (minn hawn 'il quddiem il-"pjanti tal-NGT"), iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ma jġorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-transġene. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM miksuba mit-transġenesi jeħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument.	(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew Phaeophyceae, ***u jenħtieġ li ma japplikax għall-mikroorganiżmi***, il-fungi u l-annimali li għalihom l-għarfien disponibbli huwa aktar limitat. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri pjanti miksuba ***biss*** b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) (minn hawn 'il quddiem il-"pjanti tal-NGT"), iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ma jġorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-transġene. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM miksuba mit-transġenesi jeħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument.

Or. cs

Emenda 114
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) It-teknoloġiji tal-ġeni li għandhom l-għan li jimmodifikaw il-ġenoma barra mil-laboratorju, kif ukoll il-pjanti li ġew modifikati b'teknoloġiji ta' interferenza tal-RNA jenħtieġ li jkunu soġġetti għal-leġiżlazzjoni attwali dwar l-OĠM, u ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 115
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess objettivi bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità tal-pjanti tal-NGT. ***Dan il-qafas legali jenħtieġ li jippermetti l-iżvilupp u t-tqegħid fis-suq ta' pjanti, ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew huma prodotti minn pjanti tal-NGT u prodotti oħra li fihom jew li jikkonsistu minn pjanti tal-NGT ("prodotti tal-NGT") sabiex jikkontribwixxi għall-objettivi tal-innovazzjoni u s-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u***	(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess objettivi bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità tal-pjanti tal-NGT***, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' prekawzjoni***.

biex ittejjeb il-kompetittività tas-settur agroalimentari tal-Unjoni fil-livell tal-Unjoni u dak dinji.

Or. pt

Emenda 116
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess objettivi bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità tal-pjanti tal-NGT. Dan il-qafas legali ***jenħtieġ li*** jippermetti l-iżvilupp u t-tqegħid fis-suq ta' pjanti, ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew huma prodotti minn pjanti tal-NGT u prodotti oħra li fihom jew li jikkonsistu minn pjanti tal-NGT ("prodotti tal-NGT") sabiex jikkontribwixxi għall-objettivi tal-innovazzjoni u s-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt"**,** għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u biex ittejjeb il-kompetittività tas-settur agroalimentari tal-Unjoni fil-livell tal-Unjoni u dak dinji.	(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT ***għandu*** jkollu l-istess objettivi bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità tal-pjanti tal-NGT. Dan il-qafas legali ***għandu*** jippermetti l-iżvilupp***, l-evalwazzjoni sanitarja u ambjentali*** u t-tqegħid fis-suq ***ordnat*** ta' pjanti, ikel u għalf ***tikkettati*** li fihom, jikkonsistu minn jew huma prodotti minn pjanti tal-NGT u prodotti oħra ***tikkettati bħala*** li fihom jew li jikkonsistu minn dawn il-pjanti tal-NGT ("minn hawn 'il-quddiem imsejħa prodotti tal-NGT"). Sabiex jikkontribwixxi għall-objettivi tal-innovazzjoni u s-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u biex ittejjeb il-kompetittività tas-settur agroalimentari tal-Unjoni fil-livell tal-Unjoni u dak dinji***, il-qafas legali applikabbli għall-pjanti tal-NGT għandu jagħmel differenza bejn il-pjanti tal-NGT li għandhom karatteristiki pożittivi fis-sens tad-durabbiltà ta' dawk li jinduċu konsum superjuri ta' erbiċidi minħabba li saru reżistenti għal dawn tal-aħħar, jew għal dawk li jipproduċu l-insettiċidi jew l-**

erbiċidi taghom stess.

Or. fr

Emenda 117
Günther Sidl

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess objettivi bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità tal-pjanti tal-NGT. ***Dan il-qafas legali jenħtieġ li jippermetti l-iżvilupp u t-tqegħid fis-suq ta' pjanti, ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew huma prodotti minn pjanti tal-NGT u prodotti oħra li fihom jew li jikkonsistu minn pjanti tal-NGT ("prodotti tal-NGT") sabiex jikkontribwixxi għall-objettivi tal-innovazzjoni u s-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u biex ittejjeb il-kompetittività tas-settur agroalimentari tal-Unjoni fil-livell tal-Unjoni u dak dinji.***	(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess objettivi bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità tal-pjanti tal-NGT***, filwaqt li jiġi rrispettat bis-sħiħ il-prinċipju ta' prekawzjoni***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont is-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (QEĠ) tal-25 ta' Lulju 2018, l-organiżmi miksuba permezz tal-mutaġenesi fil-prinċipju għandhom jiġu kklassifikati bħala organiżmi ġenetikament modifikati (OĠM) u għalhekk huma soġġetti għar-regolamenti tal-Att dwar l-Inġinerija Ġenetika (id-Direttiva 2001/18/KE). Ir-raġuni mogħtija għal dan hija li l-proċessi ta' mutaġenesi jwasslu għal bidla fil-materjal ġenetiku ta' organiżmu li ma tkunx possibbli b'mod naturali.

Emenda 118
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess objettivi bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent u ***l-funzjonament tajjeb tas-suq intern*** għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, ***filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità tal-pjanti tal-NGT. Dan il-qafas legali jenħtieġ li jippermetti l-iżvilupp u t-tqegħid fis-suq ta' pjanti, ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew huma prodotti minn pjanti tal-NGT u prodotti oħra li fihom jew li jikkonsistu minn pjanti tal-NGT ("prodotti tal-NGT")*** sabiex jikkontribwixxi għall-objettivi ***tal-innovazzjoni u s-sostenibbiltà*** tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u ***biex ittejjeb il-kompetittività tas-settur agroalimentari tal-Unjoni fil-livell tal-Unjoni u dak dinji***.	(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess objettivi bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent***, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni*** u ***l-prinċipju "Saħħa Waħda",*** għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, sabiex jikkontribwixxi għall-objettivi ***tas-sostenibbiltà*** tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità, ***għat-Tniġġis Żero*** u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima ***u tal-pjan ta' azzjoni Organiku***.

Or. en

Emenda 119
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess ***objettivi*** bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex	(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess ***objettiv primarju*** bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM

jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent ***u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità*** tal-pjanti tal-NGT***. Dan il-qafas legali jenħtieġ li jippermetti l-iżvilupp*** u t-tqegħid fis-suq ***ta' pjanti, ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew huma prodotti minn pjanti tal-NGT u prodotti oħra li fihom jew li jikkonsistu minn pjanti tal-NGT ("prodotti tal-NGT") sabiex jikkontribwixxi għall-objettivi tal-innovazzjoni u s-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u biex ittejjeb il-kompetittività tas-settur agroalimentari tal-Unjoni fil-livell tal-Unjoni u dak dinji***.	biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent***, abbażi tal-prinċipju ta' prekawzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-prinċipju ta' prekawzjoni jenħtieġ li jiġi implimentat fir-rigward ta' oqfsa adegwati ta' valutazzjoni tar-riskju u monitoraġġ għar-rilaxx*** tal-pjanti tal-NGT ***fl-ambjent*** u t-tqegħid ***tagħhom*** fis-suq.
	Or. en

Emenda 120
Lydie Massard

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess objettivi bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità tal-pjanti tal-NGT. Dan il-qafas legali jenħtieġ li jippermetti l-iżvilupp u t-tqegħid fis-suq ta' pjanti, ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew huma prodotti minn pjanti tal-NGT u prodotti oħra li fihom jew li jikkonsistu minn pjanti tal-NGT ("prodotti tal-NGT") ***sabiex jikkontribwixxi għall-objettivi tal-innovazzjoni u s-sostenibbiltà***	(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess objettivi bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità tal-pjanti tal-NGT. Dan il-qafas legali jenħtieġ li jippermetti l-iżvilupp u t-tqegħid fis-suq ta' pjanti, ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew huma prodotti minn pjanti tal-NGT u prodotti oħra li fihom jew li jikkonsistu minn pjanti tal-NGT ("prodotti tal-NGT").

tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u biex ittejjeb il-kompetittività tas-settur agroalimentari tal-Unjoni fil-livell tal-Unjoni u dak dinji.

Or. en

Emenda 121
María Soraya Rodríguez Ramos, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess objettivi bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent u ***l-funzjonament*** tajjeb tas-suq intern għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità tal-pjanti tal-NGT. Dan il-qafas legali jenħtieġ li jippermetti l-iżvilupp u t-tqegħid fis-suq ta' pjanti, ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew huma prodotti minn pjanti tal-NGT u prodotti oħra li fihom jew li jikkonsistu minn pjanti tal-NGT ("prodotti tal-NGT") sabiex jikkontribwixxi għall-objettivi tal-innovazzjoni u s-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u biex ittejjeb il-kompetittività tas-settur agroalimentari tal-Unjoni fil-livell tal-Unjoni u dak dinji.	(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess objettivi bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent***, abbażi tal-prinċipju ta' prekawzjoni,*** u ***biex jiġi żgurat il-funzjonament*** tajjeb tas-suq intern għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità tal-pjanti tal-NGT. ***Il-prinċipju ta' prekawzjoni jenħtieġ li jiġi implimentat fir-rigward ta' oqfsa adegwati ta' valutazzjoni tar-riskju u monitoraġġ għar-rilaxx tal-pjanti tal-NGT fl-ambjent.*** Dan il-qafas legali jenħtieġ li jippermetti l-iżvilupp u t-tqegħid fis-suq ta' pjanti, ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew huma prodotti minn pjanti tal-NGT u prodotti oħra li fihom jew li jikkonsistu minn pjanti tal-NGT ("prodotti tal-NGT") sabiex jikkontribwixxi għall-objettivi tal-innovazzjoni u s-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u biex ittejjeb il-kompetittività tas-settur agroalimentari tal-Unjoni fil-livell tal-Unjoni u dak dinji.

Or. en

Emenda 122
Michal Wiezik, María Soraya Rodríguez Ramos, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess objettivi bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità tal-pjanti tal-NGT. Dan il-qafas legali jenħtieġ li jippermetti l-iżvilupp u t-tqegħid fis-suq ta' pjanti, ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew huma prodotti minn pjanti tal-NGT u prodotti oħra li fihom jew li jikkonsistu minn pjanti tal-NGT ("prodotti tal-NGT") sabiex jikkontribwixxi għall-objettivi tal-innovazzjoni u s-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u biex ittejjeb il-kompetittività tas-settur agroalimentari tal-Unjoni fil-livell tal-Unjoni u dak dinji.	(10) ***B'kunsiderazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' prekawzjoni,*** il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess objettivi bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità tal-pjanti tal-NGT. Dan il-qafas legali jenħtieġ li jippermetti l-iżvilupp u t-tqegħid fis-suq ta' pjanti, ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew huma prodotti minn pjanti tal-NGT u prodotti oħra li fihom jew li jikkonsistu minn pjanti tal-NGT ("prodotti tal-NGT") sabiex jikkontribwixxi għall-objettivi tal-innovazzjoni u s-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u biex ittejjeb il-kompetittività tas-settur agroalimentari tal-Unjoni fil-livell tal-Unjoni u dak dinji.

Or. en

Emenda 123
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess objettivi bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità tal-pjanti tal-NGT. Dan il-qafas legali jenħtieġ li jippermetti l-iżvilupp u t-tqegħid fis-suq ta' pjanti, ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew huma prodotti minn pjanti tal-NGT u prodotti oħra li fihom jew li jikkonsistu minn pjanti tal-NGT ("prodotti tal-NGT") sabiex jikkontribwixxi għall-objettivi tal-innovazzjoni u s-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u biex ittejjeb il-kompetittività tas-settur agroalimentari tal-Unjoni fil-livell tal-Unjoni u dak dinji.	(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess objettivi bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità tal-pjanti tal-NGT. Dan il-qafas legali jenħtieġ li jippermetti l-iżvilupp u t-tqegħid fis-suq ta' pjanti, ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew huma prodotti minn pjanti tal-NGT u prodotti oħra li fihom jew li jikkonsistu minn pjanti tal-NGT ("prodotti tal-NGT") sabiex jikkontribwixxi għall-objettivi tal-innovazzjoni u s-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u biex ittejjeb il-kompetittività tas-settur agroalimentari tal-Unjoni fil-livell tal-Unjoni u dak dinji ***kif ukoll biex jiġi promoss il-kummerċ***.

Or. en

Emenda 124
Silvia Sardone, Maria Veronica Rossi, Rosanna Conte, Danilo Oscar Lancini

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess objettivi bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità tal-pjanti tal-NGT. Dan il-qafas legali jenħtieġ li jippermetti l-iżvilupp u t-tqegħid fis-suq ta' pjanti, ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew huma prodotti minn pjanti tal-NGT u prodotti oħra li fihom jew li	(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess objettivi bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità tal-pjanti tal-NGT. Dan il-qafas legali jenħtieġ li jippermetti ***flessibbiltà u adattament biex jiżgura*** l-iżvilupp u t-tqegħid fis-suq ***kontinwi iżda mmonitorjati*** ta' pjanti, ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew

jikkonsistu minn pjanti tal-NGT ("prodotti tal-NGT") sabiex ***jikkontribwixxi għall-objettivi tal-innovazzjoni u s-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u biex ittejjeb il-kompetittività tas-settur*** agroalimentari tal-Unjoni fil-livell tal-Unjoni u dak dinji.

huma prodotti minn pjanti tal-NGT u prodotti oħra li fihom jew li jikkonsistu minn pjanti tal-NGT ("prodotti tal-NGT") sabiex ***jissaħħu l-kompetittività u l-profittabbiltà tal-kumpaniji speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fis-settur*** agroalimentari tal-Unjoni fil-livell tal-Unjoni u dak dinji.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa kruċjali li r-regolament jibqa' validu għall-futur u għalhekk għandu jiġi aġġornat regolarment biex jirrifletti l-aħħar progress xjentifiku. Ħafna regolamenti jinkludu klawżola jew dispożizzjonijiet għal aġġornamenti u aġġustamenti futuri bbażati fuq avvanzi xjentifiċi. L-aspirazzjoni li tkun qafas legali li jippermetti l-iżvilupp u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti innovattivi li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew tista' tinkiseb biss jekk ir-regolament iħaddan adattamenti futuri.

Emenda 125
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi lex specialis fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM. Jintroduċi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-pjanti tal-NGT u għall-prodotti tal-NGT. Madankollu, fejn ma jkun hemm l-ebda regola speċifika f'dan ir-Regolament, il-pjanti tal-NGT u l-prodotti (inklużi l-ikel u l-għalf) miksuba minnhom jenħtieġ li jibqgħu soġġetti għar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM u r-regoli dwar l-OĠM fil-leġiżlazzjoni settorjali, bħar-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali jew il-leġiżlazzjoni dwar ċerti prodotti bħall-materjal riproduttiv tal-pjanti u tal-foresti.	(11) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi lex specialis fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM. Jintroduċi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-pjanti tal-NGT u għall-prodotti tal-NGT. Madankollu, fejn ma jkun hemm l-ebda regola speċifika f'dan ir-Regolament, il-pjanti tal-NGT u l-prodotti (inklużi l-ikel u l-għalf) miksuba minnhom jenħtieġ li jibqgħu soġġetti għar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM u r-regoli dwar l-OĠM fil-leġiżlazzjoni settorjali, bħar-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali jew il-leġiżlazzjoni dwar ċerti prodotti bħall-materjal riproduttiv tal-pjanti u tal-foresti***, kif ukoll il-leġiżlazzjoni relatata mas-sikurezza tal-ikel u mal-protezzjoni***

ambjentali.

Or. en

Emenda 126
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi lex specialis fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM. Jintroduċi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-pjanti tal-NGT u għall-prodotti tal-NGT. Madankollu, fejn ma jkun hemm l-ebda regola speċifika f'dan ir-Regolament, il-pjanti tal-NGT u l-prodotti (inklużi l-ikel u l-għalf) miksuba minnhom jenħtieġ li jibqgħu soġġetti għar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM u r-regoli dwar l-OĠM fil-leġiżlazzjoni settorjali, bħar-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali jew il-leġiżlazzjoni dwar ċerti prodotti bħall-materjal riproduttiv tal-pjanti u tal-foresti.	(11) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi lex specialis fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM***, ibbażat fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni***. Jintroduċi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-pjanti tal-NGT u għall-prodotti tal-NGT. Madankollu, fejn ma jkun hemm l-ebda regola speċifika f'dan ir-Regolament, il-pjanti tal-NGT u l-prodotti (inklużi l-ikel u l-għalf) miksuba minnhom jenħtieġ li jibqgħu soġġetti għar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM u r-regoli dwar l-OĠM fil-leġiżlazzjoni settorjali, bħar-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali jew il-leġiżlazzjoni dwar ċerti prodotti bħall-materjal riproduttiv tal-pjanti u tal-foresti.

Or. pt

Emenda 127
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi lex specialis fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM. Jintroduċi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-pjanti tal-NGT u għall-prodotti tal-NGT.	(11) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi lex specialis fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM. Jintroduċi dispożizzjonijiet ***ta' deroga*** speċifiċi għall-pjanti tal-NGT u għall-prodotti tal-NGT.

Madankollu, fejn ma jkun hemm l-ebda regola speċifika f'dan ir-Regolament, il-pjanti tal-NGT u l-prodotti (inklużi l-ikel u l-għalf) miksuba minnhom ***jenħtieġ li*** jibqgħu soġġetti għar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM u r-regoli dwar l-OĠM fil-leġiżlazzjoni settorjali, bħar-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali jew il-leġiżlazzjoni dwar ċerti prodotti bħall-materjal riproduttiv tal-pjanti u tal-foresti.	Madankollu, fejn ma jkun hemm l-ebda regola speċifika f'dan ir-Regolament, il-pjanti tal-NGT u l-prodotti (inklużi l-ikel u l-għalf) miksuba minnhom ***għandhom*** jibqgħu soġġetti għar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM u r-regoli dwar l-OĠM fil-leġiżlazzjoni settorjali, bħar-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali jew il-leġiżlazzjoni dwar ċerti prodotti bħall-materjal riproduttiv tal-pjanti u tal-foresti.

Or. fr

Emenda 128
Lydie Massard

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Ir-riskji potenzjali tal-pjanti tal-NGT ivarjaw, minn profili tar-riskju simili għal pjanti mnisslin b'mod konvenzjonali sa diversi tipi u gradi ta' perikli u riskji li jistgħu jkunu simili għal dawk tal-pjanti miksuba mit-transġenesi. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċjali biex jiġu aġġustati r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-ġestjoni tar-riskju skont ir-riskji potenzjali jew in-nuqqas tagħhom ikkawżati mill-pjanti tal-NGT u mill-prodotti tal-NGT.	***imħassar***

Or. en

Emenda 129
Günther Sidl

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Ir-riskji potenzjali tal-pjanti tal-NGT ivarjaw, minn profili tar-riskju simili għal pjanti mnisslin b'mod konvenzjonali sa diversi tipi u gradi ta' perikli u riskji li jistgħu jkunu simili għal dawk tal-pjanti miksuba mit-transġenesi. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċjali biex jiġu aġġustati r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-ġestjoni tar-riskju skont ir-riskji potenzjali jew in-nuqqas tagħhom ikkawżati mill-pjanti tal-NGT u mill-prodotti tal-NGT.	***imħassar***

Or. en

Emenda 130
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Ir-riskji potenzjali tal-pjanti tal-NGT ivarjaw, minn profili tar-riskju simili għal pjanti mnisslin b'mod konvenzjonali sa diversi tipi u gradi ta' perikli u riskji li jistgħu jkunu simili għal dawk tal-pjanti miksuba mit-transġenesi. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċjali biex jiġu aġġustati r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-ġestjoni tar-riskju skont ir-riskji potenzjali jew in-nuqqas tagħhom ikkawżati mill-pjanti tal-NGT u mill-prodotti tal-NGT.	(12) Ir-riskji potenzjali tal-pjanti tal-NGT ivarjaw, minn profili tar-riskju ***eventwalment*** simili għal pjanti mnisslin b'mod konvenzjonali ***jew skont tekniki ta' modifikazzjoni ġenetika skont l-Anness 1B tad-Direttiva 2001/18/KE,*** sa diversi tipi u gradi ta' perikli u riskji li jistgħu jkunu simili għal dawk tal-pjanti miksuba mit-transġenesi. Għalhekk, dan ir-Regolament ***għandu*** jistabbilixxi regoli speċjali biex jiġu aġġustati r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-ġestjoni tar-riskju skont ir-riskji potenzjali ***effettivament evalwati*** jew in-nuqqas tagħhom ikkawżati mill-pjanti tal-NGT u mill-prodotti tal-NGT.

Or. fr

Emenda 131
Michal Wiezik, María Soraya Rodríguez Ramos, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Ir-riskji potenzjali tal-pjanti tal-NGT ivarjaw, minn profili tar-riskju simili għal pjanti mnisslin b'mod konvenzjonali sa diversi tipi u gradi ta' perikli u riskji li jistgħu jkunu simili għal dawk tal-pjanti miksuba mit-transġenesi. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċjali biex jiġu aġġustati r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-ġestjoni tar-riskju skont ir-riskji potenzjali jew in-nuqqas tagħhom ikkawżati mill-pjanti tal-NGT u mill-prodotti tal-NGT.	(12) Ir-riskji potenzjali tal-pjanti tal-NGT ivarjaw, minn profili tar-riskju simili għal pjanti mnisslin b'mod konvenzjonali sa diversi tipi u gradi ta' perikli u riskji li jistgħu jkunu simili għal dawk tal-pjanti miksuba mit-transġenesi. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċjali biex jiġu aġġustati r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-ġestjoni tar-riskju skont ir-riskji potenzjali jew in-nuqqas tagħhom ikkawżati mill-pjanti tal-NGT u mill-prodotti tal-NGT ***b'kunsiderazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' prekawzjoni***.

Or. en

Emenda 132
Catherine Griset, Aurélia Beigneux

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12bis) Ir-riskji potenzjali tal-pjanti NGT għandhom jitkejlu b'mod regolari sabiex jiġu analizzati l-kapaċitajiet tagħhom li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-soċjetà mingħajr ma jnaqqsu l-impatt tagħhom fuq is-saħħa tal-popolazzjonijiet differenti kkonċernati u fuq l-ambjent. F'kull Stat Membru jinsabu fis-seħħ networks ta' bijoviġilanza u soċjoviġilanza biex jiġu ffaċilitati l-evalwazzjonijiet tal-effetti a priori u a posteriori tal-pjanti NGT.

Or. fr

Emenda 133
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiddistingwi bejn żewġ kategoriji ta' pjanti tal-NGT.	***imħassar***

Or. en

Emenda 134
Lydie Massard

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiddistingwi bejn żewġ kategoriji ta' pjanti tal-NGT.	***imħassar***

Or. en

Emenda 135
Günther Sidl

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiddistingwi bejn żewġ kategoriji ta' pjanti tal-NGT.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont is-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (QEĠ) tal-25 ta' Lulju 2018, l-organiżmi miksuba permezz tal-mutaġenesi fil-prinċipju għandhom jiġu kklassifikati bħala organiżmi ġenetikament modifikati (OĠM) u għalhekk huma soġġetti għar-regolamenti tal-Att dwar l-Inġinerija Ġenetika (id-Direttiva 2001/18/KE). Ir-raġuni mogħtija għal dan hija li l-proċessi ta' mutaġenesi jwasslu għal bidla fil-materjal ġenetiku ta' organiżmu li ma tkunx possibbli b'mod naturali. Għalhekk, distinzjoni bejn il-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 u tal-kategorija 2 ma hijiex ta' benefiċċju.

Emenda 136
Michal Wiezik, María Soraya Rodríguez Ramos, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiddistingwi bejn żewġ kategoriji ta' pjanti tal-NGT.	(13) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiddistingwi bejn żewġ kategoriji ta' pjanti tal-NGT. ***L-istatus ta' kull pjanta tal-NGT jiġi vverifikat każ b'każ permezz ta' data adegwata li turi ekwivalenza (pjanti tal-NGT tal-kategorija 2) jew differenza sinifikanti għall-pjanti derivati mit-tnissil konvenzjonali (pjanti tal-NGT tal-kategorija 2).***

Or. en

Emenda 137
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Dan ir-Regolament ***jenħtieġ li*** jiddistingwi bejn żewġ kategoriji ta' pjanti tal-NGT.	(13) Dan ir-Regolament ***għandu*** jiddistingwi bejn żewġ kategoriji ta' pjanti tal-NGT.

Or. fr

Emenda 138
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Biex jiġi evalwat l-istatus tal-pjanti tal-NGT, huwa meħtieġ li wieħed ikun jaf id-data tal-"valutazzjoni tar-riskju interna" (li tirrikjedi esperimenti f'kundizzjonijiet ikkontrollati li jinvolvu karatterizzazzjoni molekulari u esperimenti f'serra) biex jiġu ċċekkjati ż-żewġ kategoriji ta' pjanti tal-NGT. Minħabba li l-provi fuq il-post jew il-provi dwar il-konsum tal-ikel ma humiex meħtieġa għal "valutazzjoni tar-riskju interna", tali data tista' tiġi pprovduta u evalwata f'perjodu ta' żmien iqsar mingħajr kost eċċessiv.

Or. pt

Emenda 139
Michal Wiezik, María Soraya Rodríguez Ramos, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Peress li għadd sinifikanti ta' pjanti tal-NGT jistgħu jiġu rilaxxati f'ambjent kondiviż, iridu jiġu żviluppati metodoloġiji ċari sabiex jiġu studjati l-interazzjonijiet potenzjali u l-kapaċità ta' ġarr ta' ambjent relatat ma' organiżmi mhux adattati bi proċessi evoluzzjonarji.

Or. en

Emenda 140
María Soraya Rodríguez Ramos, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Il-pjanti tal-NGT bil-potenzjal li jippersistu, jirriproduċu jew jinfirxu fl-ambjent, fl-għelieqi jew lil hinn minnhom, jenħtieġ li jiġu evalwati bl-akbar skrutinju fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq in-natura u l-ambjent.

Or. en

Emenda 141
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
